L-Olanda	Janssen-Cilag B.V. Dr. Paul Janssenweg 150 PO Box 90240 5000 LT Tilburg The L-Olanda	Risperidon	Risperdal Quicklet Risperdal Quicklet 2 mg	2 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	
L-Olanda	Janssen-Cilag B.V. Dr. Paul Janssenweg 150 PO Box 90240 5000 LT Tilburg The L-Olanda	Risperidon	Risperdal Quicklet Risperdal Quicklet 3 mg	3 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	
L-Olanda	Janssen-Cilag B.V. Dr. Paul Janssenweg 150 PO Box 90240	Risperidon	Risperdal Quicklet Risperdal Quicklet 4 mg	4 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	

<u>Stat Membru</u>	<u>Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>INN</u>	<u>Isem Ivvintat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla Farmaceutika</u>	<u>Mnejn jingħata</u>	<u>Il-Kontenut (Konċentrat)</u>
	5000 LT Tilburg The L-Olanda						
Norveġja	Janssen-Cilag AS Hoffsveien 1D 0275 Oslo Norveġja	Risperidone	Belivon	1 mg	Soluzzjoni Orali	Uzu Orali	1 mg/ 1 ml
Norveġja	Janssen-Cilag AS Hoffsveien 1D 0275 Oslo Norveġja	Risperidone	Belivon	1 mg	Pillola miksija b'rita	Uzu Orali	
Norveġja	Janssen-Cilag AS Hoffsveien 1D 0275 Oslo Norveġja	Risperidone	Belivon	2 mg	Pillola miksija b'rita	Uzu Orali	
Norveġja	Janssen-Cilag AS Hoffsveien 1D 0275 Oslo Norveġja	Risperidone	Belivon	3 mg	Pillola miksija b'rita	Uzu Orali	
Norveġja	Janssen-Cilag AS Hoffsveien 1D 0275 Oslo Norveġja	Risperidone	Belivon	4 mg	Pillola miksija b'rita	Uzu Orali	
Norveġja	Janssen-Cilag AS Hoffsveien 1D 0275 Oslo Norveġja	Risperidone	Risperdal	0,5 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	
Norveġja	Janssen-Cilag AS Hoffsveien 1D 0275 Oslo Norveġja	Risperidone	Risperdal	1 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	
Norveġja	Janssen-Cilag AS Hoffsveien 1D 0275 Oslo Norveġja	Risperidone	Risperdal	2 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	
Norveġja	Janssen-Cilag AS Hoffsveien 1D	Risperidone	Risperdal	3 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	

<u>Stat Membru</u>	<u>Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>INN</u>	<u>Isem Ivvintat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla Farmaceutika</u>	<u>Mnejn jingħata</u>	<u>Il-Kontenut (Konċentrat)</u>
	0275 Oslo Norveġja						
Norveġja	Janssen-Cilag AS Hoffsveien 1D 0275 Oslo Norveġja	Risperidone	Risperdal	4 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	
Norveġja	Janssen-Cilag AS Hoffsveien 1D 0275 Oslo Norveġja	Risperidone	Risperdal	0,5 mg	Pillola miksija b'rita	Uzu Orali	
Norveġja	Janssen-Cilag AS Hoffsveien 1D 0275 Oslo Norveġja	Risperidone	Risperdal	1 mg	Pillola miksija b'rita	Uzu Orali	
Norveġja	Janssen-Cilag AS Hoffsveien 1D 0275 Oslo Norveġja	Risperidone	Risperdal	2 mg	Pillola miksija b'rita	Uzu Orali	
Norveġja	Janssen-Cilag AS Hoffsveien 1D 0275 Oslo Norveġja	Risperidone	Risperdal	3 mg	Pillola miksija b'rita	Uzu Orali	
Norveġja	Janssen-Cilag AS Hoffsveien 1D 0275 Oslo Norveġja	Risperidone	Risperdal	4 mg	Pillola miksija b'rita	Uzu Orali	
Norveġja	Janssen-Cilag AS Hoffsveien 1D 0275 Oslo Norveġja	Risperidone	Risperdal	1 mg	Soluzzjoni Orali	Uzu Orali	1 mg/ 1 ml
Il- Polonja	Janssen-Cilag International N.V. Turnhauseveg 30 B-2340 Beerse Il- Belġju	Risperidone	Rispolept	1 mg	Soluzzjoni Orali	Użu Orali	1 mg/ 1 ml
Il- Polonja	Janssen-Cilag International N.V. Turnhauseveg 30 B-2340 Beerse	Risperidone	Rispolept	1 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	

<u>Stat Membru</u>	<u>Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>INN</u>	<u>Isem Ivvintat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla Farmaċewtika</u>	<u>Mnejn jingħata</u>	<u>Il-Kontenut (Konċentrat)</u>
	Il- Belġju						
Il- Polonja	Janssen-Cilag International N.V. Turnhauseveg 30 B-2340 Beerse Il- Belġju	Risperidone	Rispolept	2 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Il- Polonja	Janssen-Cilag International N.V. Turnhauseveg 30 B-2340 Beerse Il- Belġju	Risperidone	Rispolept	3 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Il- Polonja	Janssen-Cilag International N.V. Turnhauseveg 30 B-2340 Beerse Il- Belġju	Risperidone	Rispolept	4 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Il- Polonja	Janssen-Cilag International N.V. Turnhauseveg 30 B-2340 Beerse Il- Belġju	Risperidone	Rispolept Quicklet	0,5 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	
Il- Polonja	Janssen-Cilag International N.V. Turnhauseveg 30 B-2340 Beerse Il- Belġju	Risperidone	Rispolept Quicklet	1 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	
Il- Polonja	Janssen-Cilag International N.V. Turnhauseveg 30 B-2340 Beerse Il- Belġju	Risperidone	Rispolept Quicklet	2 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	
Il- Polonja	Janssen-Cilag International N.V. Turnhauseveg 30 B-2340 Beerse Il- Belġju	Risperidone	Rispolept Quicklet	3 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	

<u>Stat Membru</u>	<u>Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>INN</u>	<u>Isem Ivvintat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla Farmaceutika</u>	<u>Mnejn jingħata</u>	<u>Il-Kontenut (Konċentrat)</u>
Il- Polonja	Janssen-Cilag International N.V. Turnhauseveg 30 B-2340 Beerse Il- Belġju	Risperidone	Rispolept Quicklet	4 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	
Il- Il-Portugall	Janssen Farmacêutica Il-Portugall Lda. Estrada Consiglieri Pedroso 69 A - Queluz de Baixo 2734-503 Barcarena Il- Portugall	Risperidona	Risperdal	1 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Il- Portugall	Janssen Farmacêutica Il-Portugall, Lda. Estrada Consiglieri Pedroso, 69 A - Queluz de Baixo 2734-503 Barcarena Il- Portugall	Risperidona	Risperdal	2 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Il- Portugall	Janssen Farmacêutica Il-Portugall, Lda. Estrada Consiglieri Pedroso, 69 A - Queluz de Baixo 2734-503 Barcarena Il- Portugall	Risperidona	Risperdal	3 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Il- Portugall	Janssen Farmacêutica Il-Portugall, Lda. Estrada Consiglieri Pedroso, 69 A - Queluz de Baixo 2734-503 Barcarena Il- Portugall	Risperidona	Risperdal	4 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Il- Portugall	Janssen Farmacêutica Il-Portugall, Lda. Estrada Consiglieri Pedroso, 69	Risperidona	Risperdal	1 mg	Soluzzjoni Orali	Użu Orali	

<u>Stat Membru</u>	<u>Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>INN</u>	<u>Isem Ivvintat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla Farmaceutika</u>	<u>Mnejn jingħata</u>	<u>Il-Kontenut (Konċentrat)</u>
	A - Queluz de Baixo 2734-503 Barcarena II- Portugall						
Il- Portugall	Janssen Farmacêutica II-Portugall, Lda. Estrada Consiglieri Pedroso, 69 A - Queluz de Baixo 2734-503 Barcarena II- Portugall	Risperidona	Risperdal	0.25 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Il- Portugall	Janssen Farmacêutica II-Portugall, Lda. Estrada Consiglieri Pedroso, 69 A - Queluz de Baixo 2734-503 Barcarena II- Portugall	Risperidona	Risperdal	0.5 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Il- Portugall	Janssen Farmacêutica II-Portugall, Lda. Estrada Consiglieri Pedroso, 69 A - Queluz de Baixo 2734-503 Barcarena II- Portugall	Risperidona	Risperdal Quicklet	0.5 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	
Il- Portugall	Janssen Farmacêutica II-Portugall, Lda. Estrada Consiglieri Pedroso, 69 A - Queluz de Baixo 2734-503 Barcarena II- Portugall	Risperidona	Risperdal Quicklet	1 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	
Il- Portugall	Janssen Farmacêutica II-Portugall, Lda. Estrada Consiglieri Pedroso, 69 A - Queluz de Baixo 2734-503 Barcarena II- Portugall	Risperidona	Risperdal Quicklet	2 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	
Il- Portugall	Janssen Farmacêutica II-Portugall, Lda. Estrada Consiglieri Pedroso, 69	Risperidona	Risperdal Quicklet	3 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	

<u>Stat Membru</u>	<u>Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>INN</u>	<u>Isem Ivvintat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla Farmaceutika</u>	<u>Mnejn jingħata</u>	<u>Il-Kontenut (Konċentrat)</u>
	A - Queluz de Baixo 2734-503 Barcarena II- Portugall						
Il- Portugall	Janssen Farmacêutica II-Portugall, Lda. Estrada Consiglieri Pedroso, 69 A - Queluz de Baixo 2734-503 Barcarena II- Portugall	Risperidona	Risperdal Quicklet	4 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	
Ir- Rumanija	Janssen Pharmaceutica N.V. Turnhoutseweg 30 2340 Beerse Il- Belġju	Risperidone	Rispolept 1 mg	1 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Ir- Rumanija	Janssen Pharmaceutica N.V. Turnhoutseweg 30 2340 Beerse Il- Belġju	Risperidone	Rispolept 2 mg	2 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Ir- Rumanija	Janssen Pharmaceutica N.V. Turnhoutseweg 30, 2340 Beerse, Il- Belġju	Risperidone	Rispolept 3 mg	3 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Ir- Rumanija	Janssen Pharmaceutica N.V. Turnhoutseweg 30, 2340 Beerse, Il- Belġju	Risperidone	Rispolept 4 mg	4 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Ir- Rumanija	Janssen Pharmaceutica N.V. Turnhoutseweg 30, 2340 Beerse, Il- Belġju	Risperidone	Rispolept	1 mg	Soluzzjoni Orali	Użu Orali	1 mg/ 1 ml
Ir- Rumanija	Janssen Pharmaceutica N.V. Turnhoutseweg 30, 2340 Beerse, Il- Belġju	Risperidone	Rispolept Quicklet	1 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	
Ir- Rumanija	Janssen Pharmaceutica N.V. Turnhoutseweg 30, 2340 Beerse, Il- Belġju	Risperidone	Rispolept Quicklet	2 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	

<u>Stat Membru</u>	<u>Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>INN</u>	<u>Isem Ivvinat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla Farmaċewtika</u>	<u>Mnejn jingħata</u>	<u>Il-Kontenut (Konċentrat)</u>
Is- Slovakkja	Johnson & Johnson s.r.o. Plynárenská 7/B 824 78 Bratislava Is- Slovakkja	Risperidone	Risperdal	1 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Is- Slovakkja	Johnson & Johnson s.r.o. Plynárenská 7/B 824 78 Bratislava Is- Slovakkja	Risperidone	Risperdal	2 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Is- Slovakkja	Johnson & Johnson s.r.o. Plynárenská 7/B 824 78 Bratislava Is- Slovakkja	Risperidone	Risperdal	3 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Is- Slovakkja	Johnson & Johnson s.r.o. Plynárenská 7/B 824 78 Bratislava Is- Slovakkja	Risperidone	Risperdal	4 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Is- Slovakkja	Johnson & Johnson s.r.o. Plynárenská 7/B 824 78 Bratislava Is- Slovakkja	Risperidone	Risperdal	1 mg	Soluzzjoni Orali	Użu Orali	1 mg/ 1 ml
Is- Slovakkja	Johnson & Johnson s.r.o. Plynárenská 7/B 824 78 Bratislava Is- Slovakkja	Risperidone	Risperdal Quicklet	1 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	
Is- Slovakkja	Johnson & Johnson s.r.o. Plynárenská 7/B 824 78 Bratislava Is- Slovakkja	Risperidone	Risperdal Quicklet	2 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	
Is- Slovakkja	Johnson & Johnson s.r.o. Plynárenská 7/B	Risperidone	Risperdal Quicklet	3 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	

<u>Stat Membru</u>	<u>Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>INN</u>	<u>Isem Ivvintat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla Farmaċewtika</u>	<u>Mnejn jingħata</u>	<u>Il-Kontenut (Konċentrat)</u>
	824 78 Bratislava Is- Slovakkja						
Is- Slovakkja	Johnson & Johnson s.r.o. Plynárenská 7/B 824 78 Bratislava Is- Slovakkja	Risperidone	Risperdal Quicklet	4 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	
Slovenja	Johnson & Johnson d.o.o. Šmartinska 53 Ljubljana Slovenja	Risperidone	Risperdal 1 mg filmsko obložene tablete	1 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Slovenja	Johnson & Johnson d.o.o., Šmartinska 53, Ljubljana, Slovenja	Risperidone	Risperdal Risperdal 2 mg filmsko obložene tablete	2 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Slovenja	Johnson & Johnson d.o.o., Šmartinska 53, Ljubljana, Slovenja	Risperidone	Risperdal 3 mg filmsko obložene tablete	3 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Slovenja	Johnson & Johnson d.o.o., Šmartinska 53, Ljubljana, Slovenja	Risperidone	Risperdal 4 mg filmsko obložene tablete	4 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Slovenja	Johnson & Johnson d.o.o., Šmartinska 53, Ljubljana, Slovenja	Risperidone	Risperdal 1 mg/ml peroralna raztopina	1 mg/ml	Soluzzjoni Orali	Użu Orali	1 mg/ 1 ml
Slovenja	Johnson & Johnson d.o.o., Šmartinska 53, Ljubljana, Slovenja	Risperidone	Risperdal Quicklet 0,5 mg orodisperzibilna tableta	0,5 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	
Slovenja	Johnson & Johnson d.o.o., Šmartinska 53, Ljubljana, Slovenja	Risperidone	Risperdal Quicklet 1 mg orodisperzibilna tableta	1 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	

<u>Stat Membru</u>	<u>Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>INN</u>	<u>Isem Ivvinat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla Farmaċewtika</u>	<u>Mnejn jingħata</u>	<u>Il-Kontenut (Konċentrat)</u>
Slovenja	Johnson & Johnson d.o.o., Šmartinska 53, Ljubljana, Slovenja	Risperidone	Risperdal Quicklet 2 mg orodisperzibilna tableta	2 mg	Pillola li tinħall fil- ħalq	Użu Orali	
Spanja	Janssen Cilag, SA Paseo de las Doce Estrellas 5-7 28042 Madrid Spanja	Risperidone	Risperdal flas	3 mg	Pillola li tinħall fil- ħalq	Użu Orali	
Spanja	Janssen Cilag, SA Paseo de las Doce Estrellas, 5-7 28042 Madrid, Spanja	Risperidone	Risperdal flas	4 mg	Pillola li tinħall fil- ħalq	Użu Orali	
Spanja	Janssen Cilag, SA Paseo de las Doce Estrellas, 5-7 28042 Madrid, Spanja	Risperidone	Risperdal flas	0.5 mg	Pillola li tinħall fil- ħalq	Użu Orali	
Spanja	Janssen Cilag, SA Paseo de las Doce Estrellas, 5-7 28042 Madrid, Spanja	Risperidone	Risperdal flas	2 mg	Pillola li tinħall fil- ħalq	Użu Orali	
Spanja	Janssen Cilag, SA Paseo de las Doce Estrellas, 5-7 28042 Madrid, Spanja	Risperidone	Risperdal flas	1 mg	Pillola li tinħall fil- ħalq	Użu Orali	
Spanja	Janssen Cilag, SA Paseo de las Doce Estrellas, 5-7 28042 Madrid, Spanja	Risperidone	Risperdal	1 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Spanja	Janssen Cilag, SA Paseo de las Doce Estrellas, 5- 728042 Madrid, Spanja	Risperidone	Risperdal	2 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Spanja	Janssen Cilag, SA Paseo de las Doce Estrellas, 5-7 28042 Madrid, Spanja	Risperidone	Risperdal	3 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	

Stat Membru	<u>Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>INN</u>	<u>Isem Ivvintat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla Farmaċewtika</u>	<u>Mnejn jingħata</u>	<u>Il-Kontenut (Konċentrat)</u>
Spanja	Janssen Cilag, SA Paseo de las DoceEstrellas, 5-7 28042 Madrid, Spanja	Risperidone	Risperdal	6 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Spanja	Janssen Cilag, SA Paseo de las Doce Estrellas 5-7 28042 Madrid Spanja	Risperidone	Risperdal	1 mg	Soluzzjoni Orali	Użu Orali	1 mg/ 1 ml
L-Isvezja	Janssen-Cilag AB Box 7073 192 07 Sollentuna L-Isvezja	Risperidone	Belivon	1 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
L-Isvezja	Janssen-Cilag AB, Box 7073 192 07 Sollentuna, L-Isvezja	Risperidone	Belivon	2 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
L-Isvezja	Janssen-Cilag AB, Box 7073 192 07 Sollentuna, L-Isvezja	Risperidone	Belivon	3 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
L-Isvezja	Janssen-Cilag AB, Box 7073 192 07 Sollentuna, L-Isvezja	Risperidone	Belivon	4 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
L-Isvezja	Janssen-Cilag AB, Box 7073 192 07 Sollentuna, L-Isvezja	Risperidone	Belivon	6 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
L-Isvezja	Janssen-Cilag AB, Box 7073 192 07 Sollentuna, L-Isvezja	Risperidone	Belivon	1 mg	Soluzzjoni Orali	Użu Orali	1 mg/ 1 ml
L-Isvezja	Janssen-Cilag AB, Box 7073 192 07 Sollentuna, L-Isvezja	Risperidone	Risperdal	0.5mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
L-Isvezja	Janssen-Cilag AB, Box 7073 192 07 Sollentuna, L-Isvezja	Risperidone	Risperdal	1 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
L-Isvezja	Janssen-Cilag AB, Box 7073 192 07 Sollentuna, L-Isvezja	Risperidone	Risperdal	2 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	

Stat Membru	<u>Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>INN</u>	<u>Isem Ivvintat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla Farmaċewtika</u>	<u>Mnejn jingħata</u>	<u>Il-Kontenut (Konċentrat)</u>
L-Isvezja	Janssen-Cilag AB, Box 7073 192 07 Sollentuna, L-Isvezja	Risperidone	Risperdal	3 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
L-Isvezja	Janssen-Cilag AB, Box 7073 192 07 Sollentuna, L-Isvezja	Risperidone	Risperdal	4 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
L-Isvezja	Janssen-Cilag AB, Box 7073 192 07 Sollentuna, L-Isvezja	Risperidone	Risperdal	1mg	Soluzzjoni Orali	Użu Orali	1 mg/ 1 ml
L-Isvezja	Janssen-Cilag AB, Box 7073 192 07 Sollentuna, L-Isvezja	Risperidone	Risperdal	0,5 mg	Lajofiliżejt orali	Użu Orali	
L-Isvezja	Janssen-Cilag AB, Box 7073 192 07 Sollentuna, L-Isvezja	Risperidone	Risperdal	1 mg	Lajofiliżejt orali	Użu Orali	
L-Isvezja	Janssen-Cilag AB, Box 7073 192 07 Sollentuna, L-Isvezja	Risperidone	Risperdal	2 mg	Lajofiliżejt orali	Użu Orali	
L-Isvezja	Janssen-Cilag AB, Box 7073 192 07 Sollentuna, L-Isvezja	Risperidone	Risperdal	3 mg	Lajofiliżejt orali	Użu Orali	
L-Isvezja	Janssen-Cilag AB, Box 7073 192 07 Sollentuna, L-Isvezja	Risperidone	Risperdal	4 mg	Lajofiliżejt orali	Użu Orali	
Ir- Renju Unit	Janssen-Cilag Ltd. Saunderton High Wycombe Buckinghamshire HP14 4HJ Ir- Renju Unit	Risperidone	Risperdal	0.25 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Ir- Renju Unit	Janssen-Cilag Ltd. Saunderton High Wycombe Buckinghamshire HP14 4HJ Ir- Renju Unit	Risperidone	Risperdal	0.5 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Ir- Renju Unit	Janssen-Cilag Ltd. Saunderton High Wycombe	Risperidone	Risperdal	1 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	

<u>Stat Membru</u>	<u>Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>INN</u>	<u>Isem Ivvintat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla Farmaċewtika</u>	<u>Mnejn jingħata</u>	<u>Il-Kontenut (Konċentrat)</u>
	Buckinghamshire HP14 4HJ Ir- Renju Unit						
Ir- Renju Unit	Janssen-Cilag Ltd. Saunderton High Wycombe Buckinghamshire HP14 4HJ Ir- Renju Unit	Risperidone	Risperdal	2 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Ir- Renju Unit	Janssen-Cilag Ltd. Saunderton High Wycombe Buckinghamshire HP14 4HJ Ir- Renju Unit	Risperidone	Risperdal	3 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Ir- Renju Unit	Janssen-Cilag Ltd. Saunderton High Wycombe Buckinghamshire HP14 4HJ Ir- Renju Unit	Risperidone	Risperdal	4 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Ir- Renju Unit	Janssen-Cilag Ltd. Saunderton High Wycombe Buckinghamshire HP14 4HJ Ir- Renju Unit	Risperidone	Risperdal	6 mg	Pillola miksija b'rita	Użu Orali	
Ir- Renju Unit	Janssen-Cilag Ltd. Saunderton High Wycombe Buckinghamshire HP14 4HJ Ir- Renju Unit	Risperidone	Risperdal Liquid	1 mg	Soluzzjoni Orali	Użu Orali	1 mg/ 1 ml
Ir- Renju Unit	Janssen-Cilag Ltd. Saunderton High Wycombe	Risperidone	Risperdal Quicklet	0.5 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	

<u>Stat Membru</u>	<u>Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>INN</u>	<u>Isem Ivvintat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla Farmaċewtika</u>	<u>Mnejn jingħata</u>	<u>Il-Kontenut (Konċentrat)</u>
	Buckinghamshire HP14 4HJ Ir- Renju Unit						
Ir- Renju Unit	Janssen-Cilag Ltd. Saunderton High Wycombe Buckinghamshire HP14 4HJ Ir- Renju Unit	Risperidone	Risperdal Quicklet	1 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	
Ir- Renju Unit	Janssen-Cilag Ltd. Saunderton High Wycombe Buckinghamshire HP14 4HJ Ir- Renju Unit	Risperidone	Risperdal Quicklet	2 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	
Ir- Renju Unit	Janssen-Cilag Ltd. Saunderton High Wycombe Buckinghamshire HP14 4HJ Ir- Renju Unit	Risperidone	Risperdal Quicklet	3 mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	
Ir- Renju Unit	Janssen-Cilag Ltd. Saunderton High Wycombe Buckinghamshire HP14 4HJ Ir- Renju Unit	Risperidone	Risperdal Quicklet	4mg	Pillola li tinħall fil-ħalq	Użu Orali	

ANNEX II

**KONKLUŻJONIJIET XJENTIFIĊI U RAĠUNIJIET GĦALL-EMENDA TAS-SOMMARJI
TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTTI, IT-TIKKETTI U L-FULJETT TA' TAGĦRIF
IPPREŻENTATI MILL-EMEA**

KONKLUŻJONIJIET XJENTIFIĊI

SOMMARJU ĠENERALI TAL-EVALWAZZJONI XJENTIFIKA TA' RISPERDAL U TAL-ISMIJIET ASSOĊJATI (ARA ANNESS I)

Risperdal (risperidone) huwa derivattiv ta' benzisoxazole b'karatteristiċi kombinati qawwija li jimblokka r-riċetturi ta' serotonin 5HT_{2A} u dopamine D₂. Ir-riċetturi adrenerġiċi α_1 u, f' miżura inqas, ir-riċetturi tal-istamina H₁ u adrenerġiċi α_2 huma wkoll antagonizzati minn risperidone. Il-formulazzjonijiet awtorizzati ta' risperidone orali jinkludu pilloli orali miksijin b'rita, pilloli li jinħallu fil-ħalq u soluzzjoni orali.

Il-proċedura ta' Referenza skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva 2001/83/KE, kif emendat, għal Risperdal inbdiet bil-għan li jiġu solvuti d-diverġenzi bejn it-testi ta' Fuljett ta' Tagħrif awtorizzati b'mod nazzjonali fl-Istati Membri tal-UE u taż-ŻEE, b'mod partikolari fir-rigward tas-sezzjonijiet dwar l-indikazzjoni, il-pożoloġija u l-metodu ta' kif jingħata, il-kontraindikazzjonijiet, it-twissijiet speċjali u l-prekawzzjonijiet għall-użu u reazzjonijiet ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' reazzjoni-prodott. Is-CHMP evalwa l-kitba proposta pprovduta mill-MAH, u ngħatat attenzjoni partikolari għall-kwistjonijiet li ġejjin:

Għall-indikazzjoni fis-Skizofrenija, is-CHMP evalwa d-dożaġġ propost, u kien tal-opinjoni li għalkemm id-doża ta' 8 mg tista' tiġi kkunsidrata bħala opzjoni ta' trattament għal pazjenti partikolari bis-skizofrenija, it-tobba li jagħtu trattament għandhom jagħmlu dan billi jindividwalizzaw każ b'każ u jużaw id-doża effikaċi l-aktar baxxa għal kull pazjent b'doża fil-mira ta' 4 sa 6 mg/kuljum. Rigward il-pożoloġija f'persuni anzjani bi skizofrenija, is-CHMP ħass li l-informazzjoni dwar pazjenti anzjani hija limitata iżda ssuġġerixxa li hija rakkomandata doża inizjali aktar baxxa b'tirazzjoni tad-doża iżjed konservattiva milli f'persuni adulti ta' età iżgħar u adotta l-kitba li ġejja:

“Hija rakkomandata doża inizjali ta' 0.5 mg darbtejn kuljum. Dan id-dożaġġ jista' jiġi aġġustat b'mod individwali b'żidiet ta' 0.5 mg darbtejn kuljum għal 1 sa 2 mg darbtejn kuljum.”

Għall-indikazzjoni f'episodji ta' manija assoċjati ma' Disturbi Bipolari, is-CHMP evalwa s-sigurtà u l-effikaċja tad-dożi inizjali proposti ta' 2 mg u 3 mg u nnota li ma sar l-ebda tqabbil dwar it-tibdil fil-kejl tal-effikaċja l-ewwel ġranet tat-trattament. Għaldaqstant is-CHMP kien tal-opinjoni li d-dożi inizjali għandhom jiġu limitati għal 2 mg għall-ewwel jum f'manija bipolarari. Is-CHMP evalwa wkoll il-medda ta' dożi rakkomandata, ottimali għall-manija bipolarari u ħass, abbażi tal-analiżi sottomessa dwar l-effikaċja f'pazjenti li hađu risperidone, raggruppati skont id-doża modali tagħhom ta' kuljum matul l-istudju, li għet murija effikaċja tul il-medda ta' dożi rakkomandata ta' 1 sa 6 mg/kuljum, u li xi pazjenti jistgħu effettivament jiġu ttrattati b'dożi fin-naħa ta' isfel ta' din il-medda ta' dożi.

Is-CHMP evalwa wkoll l-informazzjoni dwar l-effikaċja għall-manija bipolarari f'pazjenti anzjani. Minħabba n-numru baxx ta' pazjenti u abbażi tal-informazzjoni limitata disponibbli, is-CHMP ħass li ma kienx ġustifikat li persuni anzjani b'manija bipolarari jiġu ttrattati bil-pożoloġija rakkomandata fl-adulti. Is-CHMP ikkonkluda li l-limitu ta' fuq tad-dożaġġ għandu jiġi limitat u adotta r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin dwar id-dożaġġ:

“Hija rakkomandata doża inizjali ta' 0.5 mg darbtejn kuljum. Dan id-dożaġġ jista' jiġi aġġustat b'mod individwali b'żidiet ta' 0.5 mg darbtejn kuljum għal 1 sa 2 mg darbtejn kuljum. Billi l-esperjenza klinika fl-anzjani hija limitata, għandha tintuża kawtela.”

Fl-aħħar nett, is-CHMP evalwa l-informazzjoni sottomessa dwar l-użu ta' risperidone fit-trattament ta' forom ħfief ta' manija. Minħabba n-numru żgħir ta' pazjenti b'manija ħafifa fil-provi kliniċi u l-informazzjoni limitata disponibbli, is-CHMP ma setax jiggarrantixxi li l-bilanċ bejn l-effikaċja u s-sigurtà f'pazjenti b'manija ħafifa huwa l-istess bħal fil-pazjenti b'manija moderata għal severa. Is-CHMP għalhekk adotta l-kitba segwenti li taqbel mal-indikazzjoni għal antipsikotiċi oħra approvati:

“Risperdal huwa indikat għat-trattament ta’ episodji moderati għal severi ta’ manija assoċjati ma’ disturbji bipolari.”

Għall-indikazzjoni f’ Aggressjoni Severa fid-Dimenzja ta’ Alzheimer, is-CHMP evalwa l-informazzjoni pprovduta dwar l-aħjar tul tat-trattament, fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu bbilanċjati l-kwistjonijiet sinjifikanti tas-sigurtà kontra s-severità tas-sintomi fil-popolazzjoni fil-mira (aggressjoni severa). Is-CHMP iddeċieda li jillimita t-tul tat-terapija fuq perjodu qasir għal 6 ġimgħat, minħabba konsiderazzjonijiet ta’ sigurtà. Dwar il-kwalifika ta’ “aggressjoni severa”, is-CHMP ħass li l-iskali ta’ punteġġ ma kinux prattiċi f’ sitwazzjonijiet kliniċi u li l-iżjed kriterji kliniċi importanti li għandhom jiġu sodisfatti qabel ma jinbeda t-trattament huma li l-aggressjoni tpoġġi lill-persuna jew lil min jieħu ħsiebha f’ riskju li ssirilhom ħsara u li l-imġiba hija persistenti. Għalhekk, ġiet adottata l-kitba segwenti:

“Risperdal huwa indikat għat-trattament fuq perjodu qasir (sa 6 ġimgħat) ta’ aggressjoni persistenti f’ pazjenti b’ dimenzja ta’ Alzheimer moderata għal severa li ma jkunux qegħdin iwieġbu għal approċċi mhux farmakoloġiċi u meta jkun hemm riskju li ssir ħsara lill-pazjent innifsu jew lil persuni oħra.”

Is-CHMP kien tal-opinjoni li l-effikaċja fid-dimenzja ta’ Alzheimer kienet simili meta mqabbla mal-effikaċja f’ dimenzji vaskulari / imħallta u li l-pazjenti b’ aggressjoni severa f’ dimenzji vaskulari / imħallta għandhom jiġu esklużi mit-trattament b’ risperidone minħabba tħassib dwar is-sigurtà. Ir-restrizzjoni tal-indikazzjoni għal pazjenti b’ dimenzja ta’ Alzheimer hija korretta wkoll fid-dawl tal-effikaċja. Is-CHMP iddeċieda li jillimita l-indikazzjoni għall-AD, madankollu s-CHMP emenda t-twissija fl-SPC, rigward il-kobor tar-riskju ta’ CVAEs f’ pazjenti b’ MD/VD għall-kitba segwenti:

“Ir-riskju ta’ CVAEs kien konsiderevolment oġhla f’ pazjenti li kellhom tip ta’ dimenzja mħallta jew vaskulari meta mqabbel mad-dimenzja ta’ Alzheimer. Għalhekk, pazjenti li jkollhom tipi ta’ dimenzja differenti minn ta’ Alzheimer ma għandhomx jiġu ttrattati b’ risperidone.”

Barra minn hekk, is-CHMP evalwa s-sigurtà u l-effikaċja ta’ risperidone u implimenta kitbiet ta’ twissija u prekawzjoni fis-sezzjoni 4.4 tal-SPC, biex jindirizza r-riskju akbar ta’ CVAE u ż-żieda fil-mortalità b’ antipsikotiċi atipiċi f’ pazjenti bid-dimenzja. Ġew implimentati iżjed twissijiet fir-rigward tat-tip ta’ dimenzja mħallta jew vaskulari u għall-bżonn ta’ monitoraġġ mill-qrib tal-pazjenti morda bid-dimenzja ta’ Alzheimer. Is-CHMP adotta wkoll kitbiet li jillimitaw aktar il-popolazzjoni fil-mira u t-tul tat-trattament. Bħala konklużjoni, is-CHMP kien tal-opinjoni li l-piż attwali tal-evidenza huwa li l-evalwazzjoni tal-benefiċċju u r-riskju għadu favorevoli f’ din l-indikazzjoni ristretta fil-popolazzjoni fil-mira ta’ aggressjoni persistenti fid-dimenzja ta’ Alzheimer għal trattament fuq perjodu qasir biss (6 ġimgħat) u bir-restrizzjonijiet u l-kundizzjonijiet kollha indikati fl-SPC.

Fl-aħħar nett, is-CHMP innota l-informazzjoni u t-tweġibiet sottomessi mill-MAH fir-rigward tas-sinjali tas-sigurtà, kemm f’ pazjenti normali kif ukoll anzjani u qabel mat-tabelli riveduti u korretti dwar is-CVAEs u l-ADRs.

Għall-indikazzjoni f’ Aggressjoni Severa fit-Tfal/Adolexxenti b’ Disturb tal-Imġiba, is-CHMP evalwa l-profil tas-sigurtà fit-tfal/adolexxenti, u talab iżjed kjarifiki, speċjalment fir-rigward tal-Kontraindikazzjonijiet u d-diskrepanzi bejn il-Ħarsa ġenerali attwali dwar is-Sigurtà (April 2008) u l-Ħarsa ġenerali preċedenti dwar is-Sigurtà (Jannar 2008) fi tfal/adolexxenti b’ Disturb tal-Imġiba li jikkawża Diżintegrazzjoni (*Disruptive Behaviour Disorder* - DBD). Is-CHMP evalwa wkoll il-konsistenza tas-Sintomi Ekstrapiramidali u l-evidenza li tissuġġerixxi regressjoni fil-maturazzjoni sesswali. Is-CHMP ħass li filwaqt li r-regressjoni tal-maturazzjoni sesswali ma kinetx appoġġjata, l-SPC jiddikjara li *“l-effetti ta’ trattament għal żmien twil fuq il-maturazzjoni sesswali u t-tul tal-persuna ma ġewx studjati adegwament”* u minħabba f’ hekk, is-sentenza *“It-trattament b’ risperidone għal perjodu sa sena ma wera l-ebda effetti avversi fuq il-maturazzjoni sesswali”* f’ sezzjoni 4.4 għandha titħassar.

Is-CHMP evalwa l-*“Istudju dwar il-Prevenzjoni tar-Rikaduti”* (12-il ġimgħa ta’ trattament *open-label* u *single-blind* b’ risperidone segwiti minn 6 xhur *double-blind*) u kien tal-opinjoni li dan jista’ jitqies

biss bħala ta' sostenn, minħabba l-fatt li dawk li wrew reazzjoni (*responders*) biss daħlu fil-fażi *double-blind*. Iż-żewġ studji fuq perjodu qasir ta' 6 ġimgħat huma kkunsidrati bħala l-istudji prinċipali dwar l-effikaċja u t-trattament għandu jiġi limitat għal trattament fuq perjodu qasir (6 ġimgħat) peress li l-profil tas-sigurtà fit-tfal/adolexxenti jidher agħar milli fl-adulti.

Is-CHMP iddiskuta wkoll l-użu ta' risperidone fi tfal b'kapaċità intellettuali normali, fejn innota li l-provi kkontrollati jitwettqu l-aktar fuq tfal b'IQ fix-xifer jew ritard mentali. Skont il-profil tas-sigurtà ta' risperidone fit-tfal, il-popolazzjoni tal-użu m'għandhiex tiġi estiża għal tfal u adolexxenti b'IQ normali, billi minħabba d-differenzi strutturali bejn l-imħuħ tat-tfal u l-adolexxenti b'IQ normali u dawk b'ritard mentali, wieħed ma jistax jassumi li ż-żewġ popolazzjonijiet se jirrispondu għall-medikazzjoni antipsikotika b'mod identiku. Madankollu, is-CHMP iddeċieda li jadotta indikazzjoni mingħajr restrizzjoni għal IQ speċifiku.

Is-CHMP iddiskuta wkoll l-effikaċja fit-Tfal u l-Adolexxenti b'Disturb Awtistiku, Disturb Pervażiv tal-Iżvilupp li huwa differenti minn Disturb tal-Imġiba li huwa Disturb tal-Imġiba li jikkawża Diżintegrazzjoni. Minħabba f'hekk, tfal b'disturbi awtistiċi mhumiex inklużi fl-indikazzjoni proposta. Din l-esklużjoni hija sostnuta mill-fatt li s-sintomi primarji tad-disturb tal-awtiżmu ma jistgħux jiġu ttrattati b'suċċess b'Risperdal minħabba li s-sintomi fil-mira tal-awtiżmu li għalihom Risperdal wera l-iżjed effikaċja b'saħħitha tiegħu huma sintomi assoċjati pjuttost milli spettru wiesa' ta' sintomi tal-marda. Minħabba n-nuqqas ta' speċifità u d-disponibilità ta' opzjonijiet oħra ta' trattament, is-CHMP ma kkunsidra l-indikazzjoni f'Disturb Awtistiku bħala appoġġjata. Bħala konklużjoni, is-CHMP adotta l-indikazzjoni li ġejja:

“Risperdal huwa indikat għat-trattament sintomatiku fuq perjodu qasir (sa 6 ġimgħat) ta' disturb tal-imġiba b'aggressjoni persistenti severa jew disturb ieħor ta' imġiba li jikkawża diżintegrazzjoni fit-tfal mill-età ta' 5 snin u adolexxenti b'kapaċità intellettuali taħt il-medja jew ritard mentali ddijanostikati skont kriterji DSM-IV, li fihom is-severità tal-imġiba aggressiva jew ta' imġiba li tikkawża diżintegrazzjoni oħra tkun teħtieġ trattament farmakoloġiku. It-trattament farmakoloġiku għandu jkun parti integrali minn programm ta' trattament aktar intensiv, li jinkludi intervent psikosoċjali u edukattiv. Huwa rakkomandat li risperidone jiġi preskritt minn speċjalista fin-newroloġija tat-tfal u l-psikjatrija tat-tfal u l-adolexxenti jew tobba li jkun familjari sewwa mat-trattament tad-disturb tal-Imġiba li jikkawża Diżintegrazzjoni tal-imġieba tat-tfal u l-adolexxenti.”

Għas-sezzjoni 4.2, is-CHMP irrevoda l-kitba li ssostni li risperidone ma għandux jiġi rakkomandat għall-użu fi tfal/adolexxenti ta' inqas minn 18-il sena bi skizofrenija jew b'manija bipolari, minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni sistematika klinika u dwar l-effikaċja/sigurtà għal dan il-grupp tal-età.

Għas-sezzjoni 4.4, is-CHMP implimenta kitba riveduta għas-sezzjoni dwar l-iperprolaktinemia, li teskludi t-tismija speċifika tal-prolaktinoma u l-kanċer tas-sider, billi għalkemm teżisti informazzjoni li ssostni relazzjoni possibbli bejn l-iperprolaktinemia u r-riskju ta' xi tumuri dipendenti fuq il-prolaktina, din l-informazzjoni għadha fil-parti l-kbira inkonklussiva minn perspettiva klinika. F'sezzjoni 4.4 ġiet inkluzja dikjarazzjoni dwar ir-riskju f'pazjenti anzjani bid-dimenzja li jiġu ttrattati simultanjament b'furosemide u risperidone. Is-CHMP implimenta wkoll għadd ta' reviżjonijiet fis-subsezzjoni dwar it-tfal u l-adolexxenti, b'mod partikolari fir-rigward tas-sedazzjoni u ż-żieda klinikament sinifikanti fil-piż.

Għas-sezzjoni 4.5, is-CHMP evalwa u armonizza l-kitba dwar l-interazzjonijiet ma' prodotti mediċinali oħra, fejn iddiskuta b'mod partikolari t-torsades de pointes, prodotti li jimpedixxu l-metaboliżmu epatiku ta' risperidone, it-taħlita ma' sustanzi oħra li jaġixxu ċentralment minħabba r-riskju akbar ta' sedazzjoni u l-agonisti tad-dopamina. Is-CHMP ħassar ukoll ir-referenza għall-haloperidol, iddiskuta l-interazzjoni ma' verapamil u rrevoda l-kitba dwar il-konċentrazzjonijiet fil-plażma. Is-CHMP daħħal ukoll kitbiet dwar l-interazzjoni ta' risperidone mal-ikel.

Għas-sezzjoni 4.8, is-CHMP evalwa u rrevoda kompletament il-kitba tal-SPC, billi kkunsidra episodji avversi ġodda u ssikka s-sezzjoni billi rrevoda r-raggruppament tat-termini tal-effetti avversi. Il-blokk tax-xellug u tal-lemin ġew miġburin flimkien iżda s-sedazzjoni u n-ngħas, u l-ansjetà u n-

nervożità ma ġewx raggruppati. Is-CHMP iddeċieda li ma jiġborx is-sintomi ekstrapiramidali fit-tabella tas-sezzjoni 4.8 iżda rreveda n-nota ta' qiegħ il-paġna li tirreferi għall-marda ta' Parkinson rispettivament ekstrapiramidali fis-sezzjoni 4.8 u daħħal nota ta' qiegħ il-paġna għall-iperprolaktinemija.

Bħala Kundizzjoni tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq, is-CHMP talab lill-MAH jimpenja ruħu biex jipproduċi ġabra ta' informazzjoni fuq perjodu fit-tul għall-evalwazzjoni tas-sigurtà ta' risperidone fuq perjodu fit-tul fi tfal u adolexxenti b' disturb tal-imġiba għal dak li għandu x'jaqsam mal-effetti potenzjali fuq it- tkabbir (tul u piż), l-iżvilupp mentali, u l-maturazzjoni sesswali (skont l-istadju Tanner). L-istudju għandu jevalwa wkoll il-valuri tal-prolaktina u l-effetti avversi possibbli relatati mal-prolaktina. Dwar l-evalwazzjoni konoxxittiva, l-MAH għandu jagħmel proposta dwar kif ikunu jistgħu jiġu evalwati l-effetti fuq l-iżvilupp konoxxittiv.

Is-CHMP evalwa l-proposta tal-MAH li jwettaq studju retrospettiv ieħor tal-grupp ibbażat fuq ir-rekords mediċi disponibbli, li fihom tkun disponibbli informazzjoni dwar il-preskrizzjoni kif ukoll dwar l-istadji Tanner u t- tkabbir. Billi t-tul tat-trattament issa huwa limitat, is-CHMP ma ħassx li hemm bżonn ta' studju prospettiv fuq perjodu fit-tul.

Fl-aħħar nett, is-CHMP innota li l-pipetti tas-soluzzjoni orali Risperdal ġew aġġornati fl-2007 biex jinkludu l-gradazzjoni għal kull 0.25 mg b' disinni differenti skont id-daqs tal-pipetta. Saru għadd ta' reviżjonijiet fl-SPC u dawn ir-reviżjonijiet ġew implimentati kif dovut fit-tikketti u l-fuljett ta' tagħrif.

Is-sezzjonijiet kollha tal-SPC ġew evalwati bir-reqqa u r-reviżjonijiet kollha ġew implimentati kif dovut fit-Tikketti u fil-Fuljett ta' Tagħrif, sabiex inkiseb test armonizzat ta' Informazzjoni dwar il-Prodott. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, is-CHMP iħoss li l-mistoqsijiet kollha li tqajmu ġew indirizzati adegwatament u li l-kitba armonizzata tal- Informazzjoni dwar il-Prodott hija aċċettabbli.

RAĠUNIJIET GĦALL-EMENDA TAS-SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT, IT-TIKKETTI U L-FULJETT TA' TAGĦRIF

Billi

- l-għan tar-referenza kien l-armonizzazzjoni tas-Sommarji tal-Karatteristiċi tal-Prodotti, tat-tikketti u tal-fuljett ta' tagħrif,

- is-Sommarji tal-Karatteristiċi tal-Prodott, it-tikketti u l-fuljett tat-tagħrif proposti mid-Detenturi tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq ġew evalwati abbażi tad-dokumentazzjoni sottomessa u d-diskussjoni xjentifika fi ħdan il-Kumitat,

- l-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq qablet mal-impenn li jiġu osservati l-Kundizzjonijiet tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq,

is-CHMP irrakkomanda l-emenda tal-Awtorizzazzjonijiet għat-Tqegħid fis-Suq li s-Sommarji tal-Karatteristiċi tal-Prodotti, it-tikketti u l-fuljett ta' tagħrif għalihom huma stipulati f' Anness III, għal Risperdal u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I). Il-kundizzjonijiet tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq huma elenkati f' Anness IV.

ANNEX III

**SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT,
TIKKETTA U FULJETT TA' TAGĦRIF**

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

RISPERDAL u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness 1) 0.25 mg pilloli miksijin b'rita
[Ara Anness I – Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

RISPERDAL u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness 1) 0.5 mg pilloli miksijin b'rita

RISPERDAL u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness 1) 1 mg pilloli miksijin b'rita

RISPERDAL u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness 1) 2 mg pilloli miksijin b'rita

RISPERDAL u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness 1) 3 mg pilloli miksijin b'rita

RISPERDAL u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness 1) 4 mg pilloli miksijin b'rita

RISPERDAL u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness 1) 6 mg pilloli miksijin b'rita

RISPERDAL *Quicklet* u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness 1): 0.5 mg pilloli li jinħallu fil-ħalq

RISPERDAL *Quicklet* u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness 1): 1 mg pilloli li jinħallu fil-ħalq

RISPERDAL *Quicklet* u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness 1): 2 mg pilloli li jinħallu fil-ħalq

RISPERDAL *Quicklet* u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness 1): 3 mg pilloli li jinħallu fil-ħalq

RISPERDAL *Quicklet* u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness 1): 4 mg pilloli li jinħallu fil-ħalq

RISPERDAL u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness 1) 1 mg/ml soluzzjoni orali

2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

4. TAGĦRIF KLINIKU

4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

RISPERDAL huwa indikat għall-kura ta' l-iskizofrenja

RISPERDAL huwa indikat għall-kura ta' episodji ta' manija moderati sa qawwija assoċjati ma' disturbi bipolari.

RISPERDAL huwa indikat għal perjodu qasir ta' kura (sa 6 ġimgħat) ta' aggressjoni persistenti f'pazjenti bid-dimenzja ta' Alzheimer moderata sa qawwija li ma tirrispondix għal modi ta' kura mhux farmakoloġiċi u meta jkun hemm riskju ta' ħsara għal persuna nnifisha u għal persuni oħra.

RISPERDAL huwa indikat għal perjodu qasir ta' kura tas-sintomi (sa 6 ġimgħat) ta' aggressjoni persistenti ta' disturb fl-imgħiba fi tfal mill-età ta' 5 snin u adoloxxenti, b'funzjoni intellettuali anqas mill-medja jew lura fl-iżvilupp mentali b'dijanjoski skond il-kriterji DSM-IV li f'dawn l-individwi l-

qawwa ta' komportamenti aggressivi u komportamenti dizordnati oħra jeħtieġu kura farmakoloġika. Kura farmakoloġika għandha tkun parti integrali minn programm ta' kura aktar komprensiv, inkluż intervent psikosoċjali u edukattiv. Huwa rakkomandat li risperidone jkun preskritt minn speċjalist fin-newroloġija tat-tfal u fil-psikjatrija tat-tfal u l-adolesxenti jew minn tobbja li jafu sewwa l-kura ta' disturbi ta' imġiba fit-tfal u l-adolesxenti.

4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

Skizofrenja

Adulti

RISPERDAL jista' jingħata darba jew darbtejn kuljum.

Il-pazjenti għandhom jibdew b'2 mg/jum risperidone. Id-dożaġġ jista' jizzied fit-tieni jum għal 4mg. Wara dan, id-doża tista' tkun mantenuta mingħajr tibdil, jew tiġi individwalizzata aktar jekk meħtieġ. Il-biċċa l-kbira tal-pazjenti jibbenefikaw minn dożi ta' kuljum bejn 1-4 u s-6 mg. F'xi wħud mill-pazjenti, fażi aktar bil-mod ta' titrazzjoni u doża tal-bidu u ta' manteniment aktar baxxi jistgħu jkunu xierqa.

Dożi aktar minn 10 mg/jum ma wrewx effikaċja superjuri għal dożi aktar baxxi u jistgħu jikkawżaw inċidenza oġhla ta' sintomi ekstrapramidali. Is-sigurtà tad-dożi aktar minn 16 mg/jum ma ġewx evalwati, u għalhekk m'humiex rakkommandati.

Anzjani

Doża tal-bidu ta' 0.5 mg darbtejn kuljum hija rakkomandata. Dan id-dożaġġ jista' jiġi aġġustat b'żidiet ta' 0.5 mg darbtejn kuljum għal 1sa 2mg darbtejn kuljum.

Tfal

Risperidone m'huwiex rakkomandat għall-użu fi tfal taħt it-18-il sena bi skizofrenja minħabba nuqqas ta' taġħrif dwar l-effikaċja.

Episodji ta' Manija f'Disturb Bipolari

Adulti

RISPERDAL għandu jingħata fuq skeda ta' darba kuljum, li tibda minn 2 mg ta' risperidone. Aġġustamenti tad-doża, jekk indikati, għandhom isiru f'intervalli ta' mhux anqas minn 24 siegħa u f'żieda ta' dożaġġ ta' 1mg kuljum. Risperidone jista' jingħata f'dożi flessibbli fuq medda ta' bejn 1 u 6 mg kuljum biex isir l-aħjar użu mill-livell ta' effikaċja u tollerabilità ta' kull pazjent. Dożi ta' aktar minn 6mg risperidone kuljum ma ġewx investigati f'pazjenti b'episodji manijaċi.

Bħal kull kura tas-sintomi, il-kontinwazzjoni ta' l-użu ta' RISPERDAL għandu jiġi evalwat u ġġustifikat regolarment.

Anzjani

Doża tal-bidu ta' 0.5 mg darbtejn kuljum hija rakkomandata. Dan id-dożaġġ jista' jiġi aġġustat b'mod individwali b'żidiet ta' 0.5 mg darbtejn kuljum sa 1 mg għal 2 mg darbtejn kuljum. Minħabba li l-esperjenza klinika fl-anzjani hija limitata, għandha tintuża attenzjoni.

Tfal

Risperidone m'huwiex rakkomandat għall-użu fi tfal taħt it-18-il sena b'manija bipolari minħabba nuqqas ta' taġħrif dwar l-effikaċja.

Aggressjoni Persistenti f'Pazjenti bid-Dimenzja ta' Alzheimer Moderata sa Qawwija

Doża tal-bidu ta' 0.25 mg darbtejn kuljum hija rakkomandata. Dan id-dożaġġ jista' jiġi aġġustat individwalment b'żidiet ta' 0.25 mg darbtejn kuljum, mhux aktar frekwenti minn kull jumejn, jekk meħtieġ. L-aħjar doża hija ta' 0.5 mg darbtejn kuljum għal biċċa l-kbira tal-pazjenti. Xi pazjenti, madankollu, jistgħu jibbenefikaw minn dożi sa 1 mg darbtejn kuljum.

RISPERDAL m'għandux jintuża għal aktar minn 6 ġimgħat f'pazjenti b'aggressjoni persistenti fid-dimenzja ta' Alzheimer. Waqt il-kura, il-pazjenti għandhom jiġu evalwati frekwentement u regolarment, u l-bżonn li jitkompla it-trattament għandu jiġi stmat mill-ġdid.

Disturbi fl-Imġiba

Tfal u adolozzenti mill-età ta' 5 snin sa 18-il sena

Għal individwi ≥ 50 kg, doża tal-bidu ta' 0.5 mg darba kuljum hija rakkommandata. Dan id-dożaġġ jista' jkun aġġustat individwalment b'żidiet ta' 0.5 mg darba kuljum mhux aktar frekwenti minn kull jumejn, jekk meħtieġ. L-aħjar doża hija ta' 1mg darba kuljum għal biċċa l-kbira tal-pazjenti. Xi pazjenti, madankollu, jistgħu jibbenefikaw minn 0.5 mg darba kuljum filwaqt li oħrajn jista' jkollhom bżonn ta' 1.5 mg darba kuljum. Għal individwi < 50 kg, doża tal-bidu ta' 0.25 mg hija rakkommandata. Dan id-dożaġġ jista' jkun aġġustat individwalment b'żidiet ta' 0.25 mg darba kuljum mhux aktar frekwenti minn kull jumejn, jekk meħtieġ. L-aħjar doża hija ta' 0.5 mg darba kuljum għal biċċa l-kbira tal-pazjenti. Xi pazjenti, madankollu, jistgħu jibbenefikaw minn 0.25 mg darba kuljum filwaqt li oħrajn jista' jkollhom bżonn ta' 0.75 mg darba kuljum.

Bħal kull kura tas-sintomi, il-kontinwazzjoni ta' l-użu ta' RISPERDAL għandu jiġi evalwat u ġġustifikat regolarment.

RISPERDAL m'huwiex rakkommandat fi tfal ta' età anqas minn 5 snin, minħabba li m'hemm l-ebda esperjenza fi tfal ta' taħt il-5 snin b'dan id-disturb.

Indeboliment Renali u Epatiku

Pazjenti b'indeboliment renali għandhom abilità anqas li jneħħu l-porzjon antipsikotiku attiv minn persuni adulti b'funzjoni normali tal-kliwi. Pazjenti b'indeboliment tal-funzjoni epatika jkollhom żieda fil-konċentrazzjoni tal-porzjon ta' risperidone liberu fil-plażma.

Irrispettivament mill-indikazzjoni, id-doża tal-bidu u d-dożar konsekuttiv għandu jitnaqqas bin-nofs, u t-titrazzjoni tad-doża għandha ssir aktar bil-mod għall-pazjenti b'indeboliment renali jew epatiku.

RISPERDAL għandu jintuża b'attenzjoni f'dawn il-gruppi ta' pazjenti.

Metodu ta' kif jingħata

RISPERDAL qiegħed għall-użu mill-ħalq. L-ikel ma jaffettwax l-assorbiment ta' RISPERDAL.

Meta ma' jitkompliex, huwa rakkommandat li jinqatgħa bil-mod il-mod. Sintomi akuti ta' waqfien mill-kura, inkluż dardir, rimettar, għaraq, u insomnja ġew deskritti b'mod rari wara waqfien f'daqqa waħda ta' dożi qawwija ta' mediċini antipsikotiċi (ara sezzjoni 4.8). Li sintomi psikjatriċi jergħu jitfaċċaw mill-ġdid tista' wkoll isseħħ, u kien irrappuratat li jitfaċċaw disturbi ta' movimenti involontarji (bħal akathisia, distonja u diskajneżja).

Meta taqleb minn antipsikotiċi oħrajn.

Meta xieraq b'mod mediku, huwa rakkommandat li l-kura ta' qabel tinqata' bil-mod il-mod filwaqt li tinbeda kura b'RISPERDAL. Ukoll, jekk xieraq b'mod mediku, meta taqleb pazjenti minn

antipsikotiċi depot, ibda RISPERDAL minflok l-injezzjoni skedata li jkun imiss. Il-bżonn li jitkomplew mediċini eżistenti ta' kontra l-Parkinson għandu jiġi evalwat mill-ġdid perġodikament.

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

RISPERDAL pilloli li jinħallu fil-ħalq:

Tiftaħx il-folja qabel ma' tkun lesta biex tingħata. Iftaħ il-folja billi tqaxxarha biex tikxef il-pillola. Timbuttax il-pillola minn ġol-fojl għax tista titfarrak. Neħħi il-pillola mill-folja b'idejn niexfin.

Mill-ewwel poġġi l-pillola fuq l-ilsien. Il-pillola tibda tiddiżintegra fi ftit sekondi. Jista' jintuża l-ilma jekk ikun mixtieq.

RISPERDAL soluzzjoni orali:

Għall-istruzzjonijiet ta' kif timmaniġġja RISPERDAL soluzzjoni orali ara sezzjoni 6.6

4.3 Kontra-indikazzjonijiet

Sensittività eċċessiva magħrufa għas-sustanza attiva jew għal xi waħda mis-sustanzi mhux attivi.

4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu

Pazjenti Anzjani bid-Dimenzja

Mortalità Totali

Pazjenti anzjani bid-dimenzja kkurati b'antipsikotiċi atipiċi għandhom żieda fil-mortalità meta mqabbla ma' plaċebo f' meta-analiżi ta' 17-il prova kkontrollata ta' antipsikotiċi atipiċi li jinkludu RISPERDAL. Fi provi kliniċi kkontrollati bi plaċebo b'RISPERDAL f'din il-popolazzjoni, l-inċidenza ta' mortalità kienet ta' 4.0% għall-pazjenti kkurati b'RISPERDAL meta mqabbla ma' 3.1% għall-pazjenti kkurati bil-plaċebo. Il-porzjon ta' probabbiltà (95% intervall ta' kunfidenza eżatta) kien 1.21 (0.7, 2.1). L-età medja (medda) tal-pazjenti li mietu kienet ta' 86 sena (medda bejn 67-100).

Użu Flimkien ma' Furosemide

Fil-provi kkontrollati bi plaċebo ta' RISPERDAL f'pazjenti anzjani bid-dimenzja, inċidenza ogħla ta' mortalità kienet osservata f'pazjenti kkurati b'furosemide u risperidone (7.3%; età medja 89 sena, medda 75-97) meta mqabbla ma' pazjenti kkurati b'risperidone waħdu (3.1%; età medja 84, medda 70-96) jew furosemide waħdu (4.1%; età medja 80 sena, medda 67-90). Iż-żieda fil-mortalità fil-pazjenti kkurati b'furosemide u risperidone kienet ossevata fi tnejn mill-erba' provi kliniċi. L-użu ta' risperidone flimkien ma' dijuretiki oħra (l-aktar diuretiki thiazide użati f'doża baxxa) ma kienx assoċjat ma' sejbiet bħal dawn.

L-ebda mekkaniżmu patofizjologiku ma ġie identifikat biex jispjega dawn is-sejbiet, u l-ebda mudell konsistenti għall-kawża tal-mewt ma ġie osservat. Madankollu, għandu jkun hemm attenzjoni u r-riskji u l-benefiċċji ta' dawn it-tnejn flimkien jew ta' trattament flimkien ma' dijuretiki qawwija oħra għandhom ikunu kkunsidrati qabel ma tittieħed id-deċiżjoni li jintużaw. Ma kienx hemm żieda fl-inċidenza ta' mortalità fost pazjenti li kienu qed jieħdu diuretiki oħrajn bħala trattament flimkien ma' risperidone. Irrispettivament mill-kura, id-deidratazzjoni kienet fattur ta' riskju totali għall-mortalità u għalhekk għandha tingħata attenzjoni biex tiġi evitata f'pazjenti bid-dimenzja.

Każi avversi ċerebrovaskulari (CVAE)

Fi provi kkontrollati bi plaċebo f'pazjenti anzjani bid-dimenzja kien hemm inċidenza sinifikament ogħla (bejn wieħed u ieħor 3-darbiet aktar) ta' CVAEs, bħal puplesija (inkluż imwiet) u attakk

iskemiku għaddieni f'pazjenti kkurati b'RISPERDAL meta mqabbla ma' pazjenti kkurati bi plaċebo (età medja 85 sena; medda 73 sa 97). Id-dejta *pooled* minn sitt studji kkontrollati bi plaċebo f'pazjenti li l-maġġoranza tagħhom kienu anzjani (età > 65 sena) bid-dimensja urew li CVAEs (serji u mhux serji, flimkien) seħħew f'3.3% (33/1009) tal-pazjenti kkurati b'risperidone u f'1.2% (8/712) tal-pazjenti kkurati bi plaċebo. Il-porzjon ta' probabbiltà (95% intervall ta' kunfidenza eżatta) kien 2.96 (1.34, 7.50). Il-mekkaniżmu għal din iż-żieda fir-riskju m'huwiex magħruf. Żieda fir-riskju ma tistax tiġi eskluża għal antipsikotiċi oħra jew popolazzjonijiet ta' pazjenti oħra. RISPERDAL għandu jintuża b'attenzjoni f'pazjenti b'fatturi ta' riskju għal puplesija.

Ir-riskju ta' CVAEs kien sinifikament ogħla f'pazjenti b'dimensja tat-tip imħallta jew vaskulari meta mqabbel ma' dimensja ta' Alzheimer. Għalhekk, pazjenti b'tipi oħra ta' dimensja minbarra dik ta' Alzheimer m'għandhiex tiġi kkurata b'risperidone.

It-tobba għandhom ikunu mgħarrfa biex jistmaw ir-riskji u l-benefiċċji ta' l-użu ta' RISPERDAL f'pazjenti anzjani bid-dimensja, u jikkunsidraw dak li jipprevedi riskju ta' pulesija fil-pazjent individwali. Pazjenti/ persuni li jieħdu ħsiebhom għandhom ikunu mwissija biex jirrapportaw immedjatament sinjali u sintomi li jistgħu ikunu ta' CVAEs bħal dgħjufija u tirżiħ f'daqqa fil-wieċ, fid-dirgħajn jew fis-saqajn, u problemi bil-kliem u bil-vista. Kull għażla ta' kura possibbli għandha tiġi kkunsidrata mingħajr dewmien inkluż waqfien mill-kura b'risperidone.

RISPERDAL għandu jintuża biss għal perjodu qasir għal aggressjoni persistenti f'pazjenti bid-dimensja moderata sa qawwija ta' Alzheimer biex jissupplimenta modi mhux farmakoloġiċi li għandhom effikaċja limitata jew m'għandhomx effikaċja u meta jkun hemm potenzjalment riskju ta' ħsara għal persuna nnifisha u għal persuni oħra.

Pazjenti għandhom jiġu valutati mill-ġdid regolarment, u l-bżonn li titkompla l-kura jiġi stmat mill-ġdid.

Pressjoni Baxxa Ortostatika

Minħabba l-attività ta' risperidone li jimblokka r-riċetturi alfa, pressjoni baxxa (ortostatika) tista' sseħħ, speċjalment waqt il-perjodu tal-bidu ta' titrazzjoni tad-doża. Pressjoni baxxa klinikament sinifikanti kienet osservata wara t-tqegħid fis-suq bl-użu ta' risperidone flimkien ma' kura kontra l-pressjoni għolja. RISPERDAL għandu jintuża b'attenzjoni f'pazjenti li huma magħrufa li għandhom mard tal-qalb (eż. insuffiċjenza tal-qalb, infart mijokardijaku, anormalitajiet tal-konduzzjoni, deidratazzjoni, ipovolemija, jew mard ċerebrovaskulari), u d-dożaġġ għandu jiġi titrat bil-mod il-mod kif rakkommandat (ara sezzjoni 4.2). Tnaqqis fid-doża għandu jiġi kkunsidrat jekk ikun hemm pressjoni baxxa mal-waqfien.

Diskajniżja Tardiva/Sintomi Ekstrapiramidali (TD/EPS)

Mediċini li għandhom kwalitajiet antagonistiċi għar-riċetturi dopamine ġew assoċjati ma l-induzzjoni ta' diskajniżja tardiva ikkaratterizzata minn movimenti ritmiċi involuntarji, l-aktar predominanti fl-ilsien u/jew il-wieċ. Il-bidu ta' sintomi ekstrapiramidali huwa fattur ta' riskju għal diskajniżja tardiva. Jekk jidher sinjali jew sintomi ta' diskajniżja tardiva, għandu jiġi kkunsidrat it-twaqqif ta' l-antipsikotiċi kollha.

Sindrome Newrolettiku Malinn (NMS)

Is-Sindrome Newrolettiku Malinn, ikkaratterizzata minn ipertermja, ebusija fil-muskoli, instabbiltà awtonomika, livell mibdul ta' koxjenza u livelli ta' creatine phosphokinase elevati ġew irrappurtati li jseħħu b'antipsikotiċi. Sinjali oħra jistgħu jinkludu mijoglobinurja (rabdomajoliżi) u indeboliment akut tal-kliwi. F'dan il-każ, l-antipsikotiċi kollha, inkluż RISPERDAL għandhom jitwaqqfu.

Marda ta' Parkinson u Dimenzja bil-Korpi Lewy

It-tobba għandhom iqisu r-riskji u l-benefiċċji meta jagħtu antipsikotiċi, inkluż RISPERDAL, lill-pazjenti bil-Marda ta' Parkinson jew Dimenzja bil-Korpi Lewy (DLB) il-Marda ta' Parkinson tista' tmur għall-agħar b'risperidone. Iż-żewġ gruppi jista' jkollhom riskju oġġla tas-Sindrome Newrolettiku Malinn kif ukoll sensitività akbar għall-prodotti mediċinali antipsikotiċi; dawn il-pazjenti ġew esklużi mill-provi kliniċi. Manifestazzjoni ta' din is-sensittività oġġla tista' tinkludi konfużjoni, tmewwit, instabbiltà li twassal għal waqgħat frekwenti, flimkien ma' sintomi ekstrapiramidali.

Ipergliċemija

Ipergliċemija jew taħrix ta' dijabete li diġà' teżisti kienet irrappurtata f'każi rari ħafna waqt kura b'RISPERDAL. Monitoraġġ kliniku xieraq huwa rrakomandat f'pazjenti dijabetiċi u f'pazjenti b'fatturi ta' riskju li jiżviluppaw dijabete mellitus.

Iperprolaktinimja

Studji fuq kulturi ta' tessuti jissuġġerixxu li t-tkabbir taċ-ċelluli f'tumuri tas-sider uman jistgħu jkunu stimolati mill-prolactin. Għalkemm l-ebda assoċjazzjoni ċara bl-għoti ta' antipsikotiċi ma ntweriet sa issa fi studji kliniċi u epidemjoloġiċi, hija rakkomandata attenzjoni f'pazjenti bi storja medika rilevanti. RISPERDAL għandu jintuża b'attenzjoni f'pazjenti b'iperprolaktinimja li diġà' teżisti u f'pazjenti li jista' jkun li għandhom tumuri dipendenti mill-prolactin.

QT Imtawwal

Kien rari ħafna li żieda fil-QT kienet irrappurtata wara t-tqegħid fis-suq. Bħal fil-każ ta' antipsikotiċi oħra, irid ikun hemm attenzjoni meta risperidone jingħata lil pazjenti li huma magħrufa li għandhom mard kardjovaskulari jew passat mediku fil-familja ta' żieda fil-QT, bradikardja, jew disturbi fl-elettroliti (ipokalimja, ipomagnesimja), minħabba li jista' jkabbar ir-riskju ta' effetti aritmogeniċi, u meta jintuża flimkien ma' mediċini magħrufa li jtawwlu l-intervall QT.

Aċċessjonijiet

RISPERDAL għandu jintuża b'attenzjoni f'pazjenti b'passat ta' aċċessjonijiet jew kundizzjonijiet oħra li għandhom il-potenzjal li jkabbru l-possibiltà ta' aċċessjoni.

Priapizmu

Priapizmu jista' jseħħ bil-kura ta' RISPERDAL minħabba l-effetti tiegħu li jimblokka r-riċetturi adrenerġiċi alfa.

Regulazzjoni tat-Temperatura tal-Ġisem

Disturbi fil-ħila tal-ġisem li jnaqqas it-temperatura tal-qalba tal-ġisem ġew attribwiti għall-mediċini antipsikotiċi. Għandha ssir attenzjoni xierqa meta RISPERDAL jinkiteb lil pazjenti li jistgħu jkunu f'kundizzjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu għal żieda fit-temperatura tal-qalba tal-ġisem, eż., eżerċizzju qawwi, esponiment għal sħana estrema, it-teħid tiegħu ma' trattament b'attività antikolinerġika, jew li tkun suġġett għal deidratazzjoni.

Tfal u Adoloxxenti

Qabel jinkiteb risperidone lil xi tifel/tifla jew adoloxxent b' disturb fl-imġieba huma għandha ssirilhom stima sħiħa tal-kawżi fiżiċi u soċjali tal-komportament aggressiv bħal ma huma uġiħ jew ħtiġijiet ambjentali mhux xierqa.

L-effett sedattiv ta' risperidone għandu jiġi mmonitorjat mill-qrib f' din il-popolazzjoni minħabba konsegwenzi li jista' jkun hemm fuq l-abbiltà tat-tagħlim. Bidla fil-ħin li fih jingħata risperidone jista' jtejjeb l-impatt tas-sedazzjoni fuq il-kapaċitajiet ta' l-attenzjoni tat-tfal u l-adoloxxenti.

Risperidone kien assoċjat ma' żieda medja fil-piż tal-ġisem u fl-Indiċi tal-Massa tal-Ġisem (BMI). Bidliet fit-tul tal-persuna fi studji ta' estensjoni *open-label* li jieħdu fit-tul kienu kif mistennija skond l-età. L-effetti ta' kura fit-tul b'risperidone fuq l-iżvilupp sesswali u t-tul tal-ġisem ma ġewx studjati b' mod suffiċjenti.

Minħabba l-effetti li jista' jkun hemm ta' l-iperprolaktinimja għal-tul ta' żmien fuq l-iżvilupp tal-ġisem u l-iżvilupp sesswali fit-tfal u l-adoloxxenti, evalwazzjoni regolari klinika ta' l-istat endokrinoloġiku għandu jiġi kkunsidrat, u għandu jinkludi kejl ta' tul, piż, maturità sesswali, monitoraġġ tal-funzjoni menstruwali u effetti oħra li jista' jkollhom x'jaqsmu mal-prolactin.

Waqt il-kura b'risperidone eżami regolari għal sintomi ekstrapiramidali u disturbi oħra tal-moviment għandhom isiru wkoll.

Għal rakkomandazzjonijiet ta' pożoloġija speċifiċi fit-tfal u l-adoloxxenti ara Sezzjoni 4.2.

Sustanzi mhux attivi

Il-pilloli miksijin b'rita fihom lactose. Pazjenti bi problemi ereditarji rari ta' intolleranza għall-galattożju, d-defiċjenza ta' Lapp lactase jew malassorbiment tal-glukożju-galattożju m'għandhomx jieħdu din il-mediċina. (dan japplika biss għall-pilloli miksijin b'rita)

Il-pilloli li jinħallu fil-ħalq fihom l-aspartame. Aspartame huwa sors ta' phenylalanine li jista' jkun ta' ħsara għal-persuni b'phenylketonuria. (dan japplika biss għall-pilloli li jinħallu fil-ħalq)

Fih sunset yellow (E110). Jista' jikkawża reazzjonijiet allerġiċi. (japplika biss għall-pilloli taż-2 mg u tas-6 mg miksijin b'rita)

4.5 Prodotti mediċinali li ma jaqblux ma' dan il-prodott u affarijiet oħra li jistgħu jibdlu l-effett farmaċewtiku tal-prodott

Bħal b'antipsikotiċi oħrajn, attenzjoni hija rakkomandata meta risperidone jiġi preskritt flimkien ma' prodotti mediċinali magħrufa li jtawwlu l-intervall QT, eż., antiarritmiċi tal-klassi Ia (eż., quinidine, dysopiramide, procainamide), antiarritmiċi tal-klassi III (eż., amiodarone, sotalol), antidepressant triċikliku (i.e., amitriptylene), antidepressanti tetracikliċi (i.e., maprotilene), xi anti-istaminiċi, antipsikotiċi oħrajn, xi mediċini kontra l-malarja (i.e., chinice u mefloquine), u ma' mediċini oħra li jikkawżaw żbilanċ fl-elettroliti (ipokalimja, ipomagnesimja), bradikardija, jew dawk li jimpedixxu l-metaboliżmu epatiku ta' risperidone. Din il-lista hija indikattiva iżda mhux kompluta.

Il-potenzjal ta' RISPERDAL li jaffettwa prodotti mediċinali oħra

Risperidone għandu jintuża b'attenzjoni flimkien ma' sustanzi oħra b'azzjoni ċentrali l-aktar jinkludu l-alkoħol, opiates, antistaminiċi, u benzodiazepines minħabba żieda fir-riskju ta' sedazzjoni.

RISPERDAL jista' jantagonizza l-effett ta' levodopa u agonisti tad-dopamine oħrajn. Jekk din it-taħlita ta' mediċini hija meqjusa bħala meħtieġa, b' mod partikolari fl-aħħar stadju tal-marda ta' Parkinson, l-inqas doża ta' kull kura, li hija effettiva, għandha tiġi preskritta.

Pressjoni baxxa klinikament sinifikanti kienet osservata wara t-tqegħid fis-suq bl-użu ta' risperidone flimkien ma' kura kontra l-pressjoni għolja.

RISPERDAL ma jurix effett klinikament sinifikanti fuq il-farmakokinetika ta' lithium, valproate, digoxin jew topiramate.

Il-potenzjal ta' prodotti mediċinali oħra li jaffettwaw RISPERDAL

Carbamazepine intwera li jnaqqas il-konċentrazzjonijiet fil-plażma tal-porzjon antipsikotiku attiv ta' risperidone. Effetti jixxiebh u jistgħu jiġu osservati b'eż. rifampicin, phenytoin u phenobarbital li wkoll jinduċu l-enzima epatika CYP 3A4 kif ukoll il-glikoproteina-P. Meta carbamazepine jew xi indutturi oħra ta' l-enzima epatika CYP 3A4/glikoproteina-P (P-gp) jinbdew jew jitwaqqfu, it-tabib għandu jevalwa mill-ġdid id-dożaġġ ta' RISPERDAL.

Fluoxetine u paroxetine, impedituri ta' CYP 2D6, iżidu l-konċentrazzjoni ta' risperidone fil-plażma, iżda mhux daqstant il-porzjon antipsikotiku attiv. Huwa mistenni li impedituri oħra ta' CYP 2D6, bħal quinidine, jistgħu jaffettwaw il-konċentrazzjonijiet ta' risperidone fil-plażma b'mod jixxiebah. Meta fluoxetine jew paroxetine mogħtija flimkien ma' risperidone jinbdew jew jitwaqqfu, it-tabib għandu jevalwa mill-ġdid id-dożaġġ ta' RISPERDAL.

Verapamil, impeditur ta' CYP 3A4 u P-gp, iżid il-konċentrazzjoni ta' risperidone fil-plażma.

Galantamine u donepezil ma jurux effett kilinikament relevanti fuq il-farmakokinetika ta' risperidone u fuq il-porzjon antipsikotiku attiv.

Phenothiazines, antidipressanti triċikliċi, u xi imblokkaturi tar-riċetturi beta jistgħu jżidu l-konċentrazzjonijiet ta' risperidone fil-plażma iżda mhux dawk tal-porzjon antipsikotiku attiv. Amitriptyline ma jaffettwax il-farmakokinetika ta' risperidone jew il-porzjon antipsikotiku attiv. Cimetidine u ranitidine jżidu l-biodisponibbiltà ta' risperidone, iżda jżidu biss bi ftit dak tal-porzjon antipsikotiku attiv. Erythromycin, impeditur ta' CYP 3A4 ma jibdilx il-farmakokinetika ta' risperidone u l-porzjon antipsikotiku attiv.

L-użu ta' psikostimulanti (eż. methylphenidate) flimkien ma' RISPERDAL fit-tfal u l-adoloxxenti ma bidilx il-farmakokinetika u l-effikaċja ta' RISPERDAL.

Ara sezzjoni 4.4 dwar mortalità ogħla f'pazjenti anzjani bid-dimenzja li qed jirċievu wkoll furosemide.

L-użu orali ta' RISPERDAL flimkien ma' paliperidone m'huwiex rakkommandat minħabba li paliperidone huwa sustanza attiva fformata mill-metaboliżmu ta' risperidone u t-teħid tagħhom it-tnejn flimkien jista' jwassal għal esponiment addittiv mal-porzjon antipsikotiku attiv.

4.6 Tqala u effetti fuq il-ħalib tas-sider

Tqala

M'hemmx tagħrif biżżejjed dwar l-użu ta' risperidone waqt it-tqala. Skond tagħrif ta' wara t-tqegħid fis-suq sintomi ekstrapiramidali riversibbli fit-trabi tat-twelid kienu osservati wara l-użu ta' risperidone fl-aħħar trimestru tat-tqala. Konsegwentement trabi tat-twelid għandhom jiġu mmonitorjati b'attenzjoni. Risperidone ma kienx teratoġeniku fi studji fuq l-annimali iżda intwerew tipi oħra ta' ħsara fuq is-sistema riproduttiva (ara sezzjoni 5.3). Ir-riskju li jista' jkun hemm fuq in-nies m'huwiex magħruf. Għalhekk, RISPERDAL m'għandux jintuża waqt it-tqala jekk m'hemmx bżonn ċar. Jekk ikun hemm bżonn li jitwaqqaf waqt it-tqala, dan m'għandux isir f'daqqa.

Effetti fuq il-ħalib tas-sider

Fi studji fuq l-animali, risperidone u 9-hydroxy-risperidone jhorgu mal-ħalib tas-sider. Intwera li risperidone u 9-hydroxy-risperidone jhorgu wkoll mal-ħalib uman fi kwantitajiet żgħar. M'hemmx tagħrif disponibbli dwar ir-reazzjonijiet avversi jekk tredda' lit-trabi. Għalhekk il-vantaġġ tat-treddiġh għandu jitqies skond ir-riskji li jista' jkun hemm għat-tarbija.

4.7 Effetti huq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

RISPERDAL jista' jkollu effett żgħir jew moderat fuq il-ħila li ssuq u tħaddem magni minħabba l-effetti li jista' jkollu fuq is-sistema nervuża u l-vista (ara sezzjoni 4.8). Għalhekk il-pazjenti għandhom jingħataw il-parir li ma jsuqux u jħaddmu makkinarju sakemm ikun magħruf kemm huma suxxettibbli.

4.8 Effetti mhux mixtieqa

L-aktar reazzjonijiet avversi għall-mediċina (ADRs) irrappurtati b'mod frekwenti (inċidenza $\geq 10\%$) huma: Parkinsoniżmu, uġiġħ ta' ras, u insomnja.

Dawn li ġejjin huma kollha ADRs li kienu rrappurtati fi provi kliniċi u wara t-tqegħid fis-suq. Dawn it-termini u l-frekwenzi li ġejjin huma użati: komuni ħafna ($\geq 1/10$), komuni ($\geq 1/100$ sa $< 1/10$), mhux komuni ($\geq 1/1000$ sa $< 1/100$), rari ($\geq 1/10,000$ sa $< 1/1,000$), rari ħafna ($< 1/10,000$), u mhux magħrufa (ma jistgħux jiġu stmati mid-dejta disponibbli mill-provi kliniċi).

F'kull grupp ta' frekwenza, l-effetti mhux mixtieqa huma ppreżentati skond is-serjetà tagħhom li dejjem tonqos.

Reazzjonijiet Avversi skond is-Sistema tal-Klassifikazzjoni ta' l-Organi u l-Frekwenza	
Investigazzjonijiet	
<i>Komuni</i>	Żieda tal-prolactin fid-demm ^a , Żieda fil-piż
<i>Mhux komuni</i>	QT ta' l-elettrokardjogramm imtawwal, Elettrokardjogramm mhux normali, Żieda taz-zokkor fid-demm, Żieda fit-transaminases, Tnaqqis fl-għadd taċ-ċelluli bojod tad-demm, Żieda fit-temperatura tal-ġisem, Żieda fl-għadd ta' eosinofils, Tnaqqis fl-emoglobina, Żieda tal-creatine phosphokinase fid-demm
<i>Rari</i>	Tnaqqis fit-temperatura tal-ġisem
Disturbi fil-qalb	
<i>Komuni</i>	Takikardija
<i>Mhux komuni</i>	Imblokk atrioventikulari, Imblokk tal-fergħa <i>bundle</i> , Fibrillazzjoni ta' l-atriju, Bradikardija tas-sinus, Palpitazzjonijiet
Disturbi tad-demm u tas-sistema limfatika	
<i>Mhux komuni</i>	Anemija, Troboċitpenija
<i>Rari</i>	Granuloċitopenija
<i>Mhux magħrufa</i>	Agranuloċitożi
Disturbi fis-sistema nervuża	
<i>Komuni ħafna</i>	Parkinsoniżmu ^b , Uġiġħ ta' ras
<i>Komuni</i>	Akatisja ^b , Sturdament, Rogħda ^b , Distonja ^b , Ħedla tan-ngħas, Sedazzjoni, Letarġija, Diskajneżja ^b
<i>Mhux komuni</i>	Mingħajr rispons għall-istimuli, Telf ta' koxxjenza, Sinkope, Livell imnaqqas ta' koxxjenza, Aċċident ċerebrovaskulari, Attakk iskemiku għaddieni, Disartrija, Disturb fl-attenzjoni, Ipersomnja, Sturdament mal-waqfien, Disturb fil-bilanċ, Diskajezja tardiva, Disturb fit-taħdid, Koordinazzjoni mhux normali, Ipoesteżija
<i>Rari</i>	Sindrome Newrolettiku Malinn, Koma dijabetika, Disturb ċerebrovaskulari, Iskemija ċerebrali, Disturb fil-moviment
Disturbi fl-għajnejn	

<i>Komuni</i>	Vista mċajpra
<i>Mhux komuni</i>	Konġunktivite, Iperemja okulari, Tnixxija mill-għajnejn, Nefħa fl-għajnejn, Għajnejn xotti, Żieda fid-dmugħ, Fotofobja
<i>Rari</i>	Tnaqqis fl-akutezza tal-vista, Dawrien ta' l-għajnejn, Glawkoma
Disturbi fil-widnejn u fis-sistema labirintika	
<i>Mhux komuni</i>	Uġigħ fil-widnejn, Tinnitus
Disturbi respiratorji, toraċċi, u medjastinali	
<i>Komuni</i>	Qtugħ ta' nifs, Epistazi, Sogħla, Konġestjoni nażali, Uġigħ faringolaringali,
<i>Mhux komuni</i>	Tħarħir, Pulmonite minħabba aspirazzjoni, Konġestjoni tal-pulmun, Disturb respiratorju, Ħsejjes tal-pulmun, Konġestjoni ta' l-apparat tan-nifs, Disfonja
<i>Rari</i>	Sindrome ta' waqfien tan-nifs waqt l-irqad, Iperventilazzjoni
<hr/>	
Disturbi gastro-intestinali	
<i>Komuni</i>	Rimettar, Dijarea, Stitikezza, Dardir, Uġigħ fl-addome, Dispepsja, Ħalq xott, Skomfort fl-istonku
<i>Mhux komuni</i>	Disfaġja, Gastrite, Inkontinenza ta' l-ippurgar, Fikaloma
<i>Rari</i>	Sadd fl-imsaren, Pankreatite, Nefħa fix-xoffa, Kejlite
Disturbi fil-kliewi u fis-sistema urinarja	
<i>Komuni</i>	Enuresi
<i>Mhux komuni</i>	Disurja, Inkontinenza ta' l-awrina, Pollakijurja
Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda	
<i>Komuni</i>	Raxx, Eritema
<i>Mhux komuni</i>	Anġjoedima, Ferita fil-ġilda, Disturb fil-ġilda, Ħakk, Akne, Telf ta' kulur fil-ġilda, Alopeċja, Dermatite tas-saborrea, Ġilda xotta
<i>Rari</i>	Brija
Disturbi muskolu-skelettrali u tal-connective tissue	
<i>Komuni</i>	Artralġja, Uġigħ fid-dahar, Uġigħ fl-idejn u fis-saqajn
<i>Mhux komuni</i>	Dgħjufija tal-muskoli, Majalġja, Uġigħ fl-għonq, Nefħa fil-ġogi, Pożizzjoni tal-ġisem mhux normali, Ebusija fil-ġogi, Uġigħ muskoluskelettrali fis-sider
<i>Rari</i>	Rabdomijalizi
Disturbi fis-sistema endokrinarja	
<i>Rari</i>	Tnixxija mhux adattata ta' ormon antidijuretiku
Disturbi fil-metaboliżmu u n-nutrizzjoni	
<i>Komuni</i>	Żieda fl-aptit, Tnaqqis fl-aptit
<i>Mhux komuni</i>	Anoressja, Polidipsja
<i>Rari ħafna</i>	Ketoaċidożi dijabetika
<i>Mhux magħrufa</i>	Intossikazzjoni ta' ilma
Infezzjonijiet u infestazzjonijiet	
<i>Komuni</i>	Pulmonite, Influenza, Bronkite, Infezzjoni tal-parti tan-naħa ta' fuq ta' l-apparat tan-nifs, Infezzjoni ta' l-apparat ta' l-awrina
<i>Mhux komuni</i>	Sinożite, Infezzjoni virali, Infezzjoni fil-widnejn, Tonsillite, Ċellulite, Infezzjoni tal-widna tan-nofs, Infezzjoni fl-għajnejn, Infezzjoni lokalizzata, Akarodermatite, Infezzjoni fl-apparat tan-nifs, Ċistite, Onikomikożi
<i>Rari</i>	Infezzjoni kronika tal-widna tan-nofs
Disturbi vaskulari	
<i>Mhux komuni</i>	Pressjoni baxxa, Pressjoni baxxa mal-waqfien, Fwawar
Disturbi ġenerali u kundizzjonijiet ta' mnejn jingħata	
<i>Komuni</i>	Deni, Għejja, Edima ta' l-idejn u tas-saqajn, Astenja, Uġigħ fis-sider
<i>Mhux komuni</i>	Edima fil-wiċċ, Disturb fil-mixi, Ma tħossokx normali, Indolenza, Mard bħal ta' l-influenza, Għatx, Skomfort fis-sider, Tkexkix ta' bard
<i>Rari</i>	Edima mifruxa, Ipotermja, Sindrome ta' twaqqif tal-mediċina, Kesħa fil-priferiji
Disturbi fis-sistema immuni	
<i>Mhux komuni</i>	Sensittività eċċessiva
<i>Rari</i>	Sensittività eċċessiva għall-mediċina
<i>Mhux magħrufa</i>	Reazzjoni anafilattika
Disturbi fil-fwied u fil-marrara	

<i>Rari</i>	Suffeġra
Disturbi fis-sistema riproduttiva u fis-sider	
<i>Mhux komuni</i>	Amenorreġa, Disfunzjoni sesswali, Disfunzjoni erettili, Disturb ta' eġakulazzjoni,
<i>Mhux magħrufa</i>	Galaktorreġa, Ġinekomastġa, Disturb fil-menstruazzjoni, Tniġġa vaġinali
	Priapiżmu
Disturbi psikiatriċi	
<i>Komuni ħafna</i>	Insomnġa
<i>Komuni</i>	Ansjetà, Aġitazzjoni, Disturb fl-irqad
<i>Mhux komuni</i>	Stat konfużjonali, Maniġa, Tnaqqis fil-libido, Bla ħeġġa, Nervużiżmu
<i>Rari</i>	Anorgaźmġa, Effett ta' nuqqas ta' sensitività

^a Iperprolaktinimġa tista' f'xi każijiet twassal għal ġinekomastġa, disturbi menstruwal, amenorreġa, galaktorreġa.

^b Jista' jseħħ disturb ekstrapiramidali: Parkinsoniżmu (ipersekrezzjoni ta' bżiq, ebusiġa muskolu-skeletrali, parkinsoniżmu, tleġħib, riġidità bħal tar-roti f'magna, bradikajniżġa, ipokineżġa, espressjoni tal-wiċċ bħal maskra, tagħfis fil-muskoli, akineżġa, riġidità ta' raqbet l-għonq, riġidità fil-muskoli, mixi parkinsonjan, rifliss glabellari mhux normali) akatiżġa (akatiżġa, nuqqas ta' kwiet, iperkajneżġa u sindrome ta' sieq bla kwiet) roġħda, diskajneżġa (diskajneżġa, kontrażġjoni tal-muskoli għall-għarrieda, koreoatetozi, atetozi u mijoklonus), distonġa Distonġa tinkludi distonġa, spażmi fil-muskoli, ipertonġa, tortikollis, kontrażġjonijiet involuntarġi tal-muskoli, kontrażġjoni tal-muskoli, blefarospaźmu, għajnejn iduru, paraliżi fl-ilsien, spażmu fil-wiċċ, spażmu fil-larinġi, mijotonġa, opistotonus, spażmu orofarinġali, plewrototonus, spażmu fl-ilsien, u trismu. Rogħda jinkludi roġħda u roġħda parkinsonjan waqt il-mistrieħ.. Għandu jkun innutat li qed jiġu inklużi firxa wiesia ta' sintomi li mhux neċessarjament għandhom oriġini ekstrapiramidali.

Din li ġejġa hiġa lista ta' ADRs addizzjonali assoċġati ma' risperidone li kienu identifikati bħala ADRs waqt provi kliniċi li kienu qed jinvestigaw il-formulazzjoni ta' risperidone li jiġi injettat u jaħdem fuq tul ta' żmien (RISPERIDAL CONSTA) iżda ma ġewx determinati li kienu ADRs fil-provi kliniċi li kienu qed jinvestigaw RISPERDAL li jittieħed mill-ħalq. Din it-tabella teskludi dawk l-ADRAs assoċġati speċifikament mal-formulazzjoni jew mar-rotta ta' mnejn tingħata l-injezzjoni ta' RISPERDAL CONSTA.

Reazzjonijiet Avversi Addizzjonali għall-Mediċina Rappurtati b'RISPERDAL CONSTA iżda mhux B'RISPERDAL li Jittieħed mill-ħalq skond il-Klassifikazzjoni tas-Sistema ta' l-Organ

Investigazzjonijiet

Tnaqqis fil-piż, Żieda fil-Gamma-glutamyltransferase, Żieda fl-enzimi tal-fwied

Disturbi fil-Qalb

Bradikardġa

Disturbi tad-Demm u tas-Sistema Limfatika

Newtropsenġa

Disturb fis-Sistema Nervuża

Parestesġa, Aċċessjonijiet

Disturbi fl-Għajnejn

Blefarospaźmu

Distrurbi fil-Widnejn u fis-Sistema Labirintika

Vertigo

Disturbi Gastro-intestinali

Uġiġħ fis-sniien, spażmu fl-ilsien

Disturbi fil-Ġilda u fit-Tessuti ta' Taħt il-Ġilda

Ekżema

Disturbi Muskolu-skeletrali, tal-Connective Tissue u fl-Għadam

Uġiġħ fil-warrani

Infazzjonijiet u infestazzjonijiet

Infezzjoni fin-naħa t'isfel ta' l-apparat tan-nifs, Infezzjoni, Gastroenterite, Axxess taħt il-ġilda
Korriment u Avvalenament
Waqa'
Disturbi Vaskulari
Pressjoni għolja
Disturbi ġenerali u kundizzjonijiet ta' mnejn jingħata
Ugħigh
Disturbi psikjatriċi
Depressjoni

Effetti tal-klasi

Bħal antipsikotiċi oħrajn, każi rari ħafna ta' QT imtawwal kienu rrapportati b'risperidone wara t-tqegħid fis-suq. Effetti oħra tal-qalb li huma relatati mal-klasi rrapportati b'antipsikotiċi li jtawwlu l-intervall QT jinkludu aritmija tal-ventrikulu, fibrillazzjoni tal-ventrikulu, takikardija tal-ventrikulu, mewt zoptu, waqfien tal-qalb, u Torsades de Pointes.

Żieda fil-piż

Il-proporzjonijiet ta' pazjenti adulti bi skizofrenja kkurati b'RISPERDAL u bi plaċebo li ssodisfaw il-kriterju ta' żieda fil-piż ta' $\geq 7\%$ tal-piż tal-ġisem kienu mqabbla f'*pool* ta' 6-sa 8-ġimgħat, ta' provi kkontrollati bi plaċebo, fejn urew inċidenza statistikament sinifikanti ogħla ta' żieda fil-piż b'RISPERDAL (18%) meta mqabbel ma' plaċebo (9%). F'*pool* ta' studji ta' 3-ġimgħat ikkontrollati bi plaċebo f'pazjenti adulti b'manija akuta, l-inċidenza ta' żieda fil-piż ta' $\geq 7\%$ fl-aħħar ta' l-istudju kienet tixxiebah fil-gruppi ta' RISPERDAL (2.5%) u plaċebo (2.4%), u kienet ftit ogħla fil-ġrupp ta' kontroll attiv (3.5%).

F'popolazzjoni ta' tfal u adoloxxenti b'disturbi ta' l-imġieba u ta' komportament diżordnat ieħor, fi studji fuq tul ta' żmien, il-piż żdied b'medja ta' 7.3 kg wara 12-il xahar ta' kura. Iż-żieda fil-piż mistennija minn tfal normali fl-età ta' bejn 5-12-il sena hija ta' 3 sa 5 kg fis-sena. Mill-età ta' 12-16-il sena, din iż-żieda ta' 3 sa 5 kg fis-sena tinżamm fit-tfal bniet, filwaqt li s-subien jiżdiedu bejn wieħed u ieħor 5 kg fis-sena.

Informazzjoni Addizzjonali dwar Popolazzjonijiet Speċjali

Reazzjonijiet avversi tal-mediċina li kienu rrapportati b'inċidenza ogħla f'pazjenti anzjani bid-dimenzja jew f'pazjenti tfal milli f'popolazzjonijiet adulti huma deskritti hawn taħt:

Pazjenti anzjani bid-dimenzja

Attakk iskemiku għaddieni u aċċident ċerebrovaskulari kienu ADRs irrappurtati fi provi kliniċi bi frekwenza ta' 1.4% u 1.5%, rispettivament, f'pazjenti anzjani bid-dimenzja. Flimkien ma' dan, l-ADR li ġejjin kienu rrapportati bi frekwenza ta' $\geq 5\%$ f'pazjenti anzjani bid-dimenzja u bi frekwenza mill-anqas id-doppju ta' dak li ntwera f'popolazzjonijiet adulti oħra: infezzjoni fl-apparat ta' l-awrina, edima periferali, ħedla, u sogħla.

Tfal

L-ADR li ġejjin kienu rrapportati bi frekwenza $\geq 5\%$ fi tfal (5 sa 17-il sena) u bi frekwenza mill-anqas id-doppju ta' dak li ntwera fi provi kliniċi fl-adulti: nġhas/sedazzjoni, għeja, ugħigh ta' ras, żieda fl-aġtit, rimettar, infezzjoni fil-parti ta' fuq ta' l-apparat tan-nifs, koġestjoni nażali, ugħigh fl-addome, sturdament, sogħla, deni, roġħda, dijarea, u enuresi.

4.9 Doża eċċessiva

Sintomi

B' mod ġenerali, is-sinjali u s-sintomi rrapportati kienu dawk li jiġu minn esaġerazzjoni ta' l-effetti farmakoloġiċi magħrufa ta' risperidone. Dawn jinkludu heċċa u sedazzjoni, takikardja u pressjoni baxxa, u sintomi ekstrapiramidali. F'każ ta' doża eċċessiva, QT imtawwal u aċċessjonijiet kienu rrapportati. Torsade de Pointes kien irrappurtat b' doża eċċessiva ta' RISPERDAL flimkien ma' paroxetine.

Fil-każ ta' doża eċċessiva akuta, għandha tiġi kkunsidrata l-possibiltà li ntużat aktar minn mediċina waħda.

Kura

Stabilixxi u żomm il-passaġġ tan-nifs miftuħ u żgura ossiġnu u ventilazzjoni xierqa. Lavaġġ gastriku (wara l-intubazzjoni, jekk il-pazjent hu mitluf minn sensih) u l-ġhoti ta' *charcoal* attivati flimkien ma' lassativ għandu jiġi kkunsidrat biss meta l-mediċina tkun ittieħdet anqas minn siegħa qabel. Il-monitoraġġ kardjovaskulari għandu jibda mill-ewwel u għandu jinkludi monitoraġġ kontinwu elettrokardjografiku għal osservazzjoni tal-possibiltà ta' aritmiji.

M'hemm l-ebda antidot speċifiku għal RISPERDAL. Għaldaqstant, għandhom jinbdew miżuri xierqa ta' support. Il-pressjoni baxxa u l-kollass ċirkulatorju għandhom jiġu kkurati b' miżuri xierqa bħal fluwidi fil-vina u/jew aġenti simpatomimetiċi. F'każ ta' sintomi ekstrapiramidali qawwija, għanda tingħata prodott mediċinali antikolinerġika. Superviżjoni medika mill-qrib u monitoraġġ għandu jitkompla sakemm il-pazjent jirkupra.

5. TAGĦRIF FARMAKOLOĠIKU

5.1 Tagħrif farmakodinamiku

Kategorija farmakoterapewtika: Antipsikotiċi oħra, Kodiċi ATC: N05AX08

Kif jaħdem

Risperidone huwa antagonist monoaminergiku selettiv bi kwalitajiet uniċi. Għandu affinità kbira għar-riċetturi serotonerġiċi 5-HT₂ u dopaminerġiċi D₂. Risperidone jeħel ukoll mar-riċetturi alpha₁-adrenerġiċi u b' anqas affinità ma' riċetturi H₁-istaminerġiċi u alpha₂-adrenerġiċi. Risperidone m'għandu l-ebda affinità għar-riċetturi kolinerġiċi. Għalkemm risperidone huwa antagonist potenti ta' D₂, li huwa kkunsidrat li jtejjeb sintomi pożittivi ta' skizofrenja, huwa jikkawża anqas dipressjoni u induzzjoni ta' katalessi minn antipsikotiċi klassiċi. Antagoniżmu ċentrali ibbilanċjat ta' serotonin u dopamine jista' jnaqqas it-tendenza għal effetti sekondarji ekstrapiramidali u jkabbar l-attività terapewtika għas-sintomi negattivi u affettivi ta' l-iskizofrenja.

Effetti farmakodinamiċi.

Skizofrenja

L-effikaċja ta' risperidone f'kura għal żmien qasir kienet stabbilita f'erba' studji, li damu bejn 4 u 8 ġimgħat, li għalih kienu rreġistrati aktar minn 2500 pazjent li ssodisfaw il-kriterji DSM-IV għall-iskizofrenja. Fi prova ta' 6-ġimgħat ikkontrollata bi plaċebo li kienet tinvolvi titrazzjoni ta' risperidone f' dożi sa 10 mg/kuljum mogħtija darbtejn kuljum, risperidone kien superjuri għall-plaċebo mill-punteġġ totali miksub fuq l-iSkala tal-Klassifika Psikjatrika fil-Qosor (BPRS). Fi prova ta' 8-ġimgħat ikkontrollata bi plaċebo li kienet tinvolvi erba' dożi fissi ta' risperidone ((2, 6, 10, u 16 mg/kuljum, mogħtija darbtejn kuljum), l-erba' gruppi ta' risperidone kienu superjuri għall-plaċebo fil-

punteġġ totali miksub fl-iSkala tas-Sindrome Pożittiv u Negattiv (PANSS). Fi prova ta' 8-ġimgħat ta' tqabbil tad-doża li kien jinvolvi ħames dożi fissi ta' risperidone (1, 4, 8, 12, u 16 mg/kuljum, mogħtija darbtejn kuljum), il-gruppi ta' risperidone b'dożi ta' 4, 8, u 16 mg/kuljum kienu superjuri għall-grupp ta' risperidone b'doża ta' 1mg fuq fil-punteġġ totali miksub f'PANSS. Fi prova ta' tqabbil tad-doża ta' 4 ġimgħat ikkontrollata bi plaċebo li kienet tinvolvi żewġ dożi fissi ta' risperidone (4 u 8 mg/kuljum mogħtija darba kuljum), iż-żewġ gruppi bid-doża ta' risperidone kienu superjuri għall-plaċebo fuq għadd ta' miżuri PANSS, inkluż it-total PANSS u t-tkejjil ta' rispons (tnaqqis ta' > 20% fil-punteġġ totali miksub f'PANSS). Fi prova li tieħu aktar fit-tul, pazjenti adulti li ma' joqodux l-isptar u li l-maġġoranza tagħhom issodisfaw il-kriterji DSM-IV għal skizofrenja u li kienu klinikament stabbli għal mill-anqas 4 ġimgħat fuq prodott mediċinali antipsikotika kienu *randomised* għal risperidone 2mg sa 8mg/kuljum jew għal haloperidol għal bejn sena u sentejn biex jiġu osservati jekk jerġawx jirkadu. Pazjenti li kienu qed jirċievu risperidone damu sinifikament aktar biex jirkadu f'dan il-perjodu ta' żmien meta mqabbla ma' dawg li hađu haloperidol.

Episodji manijaċi f'disturb bipolari

L-effikaċja ta' monoterapija b'risperidone fil-kura akuta ta' episodji ta' manija assoċjati ma' disturb bipolari I intweriet fi tliet studji ta' monoterapija *double-blind* ikkontrollati bi plaċebo f'bejn wieħed u ieħor 820 pazjent li kellhom disturb bipolari I, ibbażat fuq il-kriterji DSM-IV. Fit-tliet studji, risperidone 1 sa 6 mg kuljum (doża tal-bidu ta' 3 mg f'żewġ studji u ta' 2 mg fi studju wieħed) intwera li kien sinifikament superjuri għall-plaċebo fuq l-aħħar stadju ewlieni speċifikat minn qabel, i.e., il-bidla mill-linja bażi fil-Ġimgħa 3 fil-punti fuq l-iSkala tal-Klassifika tal-Manija fiż-Żgħar (YMRS). Ir-risultat ta' l-effikaċja sekondarja kien ġeneralment konsistenti mar-risultat primarju. Il-perċentwali ta' pazjenti bi tnaqqis ta' $\geq 50\%$ tal-punteġġ totali YMRS mill-linja bażi sa l-aħħar stadju tat-3-ġimgħa kien sinifikament oġhla għal risperidone milli għall-plaċebo. Wieħed mit-tliet studji kien jinkludi fergħa għal haloperidol u fażi ta' manteniment *double-blind* ta' 9-ġimgħat. L-effikaċja kienet miżmuma matul id-9-ġimgħat tal-perjodu tal-manteniment tal-kura. Bidla mill-linja bażi tat-total YMRS wera titjib kontinwu u kien kumparabbli bejn risperidone u haloperidol fil-Ġimgħa 12.

L-effikaċja ta' risperidone flimkien ma' stabilizzaturi tal-burdata fil-kura ta' manija akuta ntweriet f'wieħed minn żewġ studji *double blind* ta' 3-ġimgħat f'bejn wieħed u ieħor 300 pazjent li ssodisfaw il-kriterji DSM-IV għal disturb bipolari I. F'wieħed mill-istudji ta' 3-ġimgħat, risperidone bejn 1 sa 6 mg/ kuljum mibdi b'2 mg/kuljum flimkien ma' lithium jew valproate kien superjuri għal lithium jew valproate waħedhom fuq l-aħħar stadju ewlieni speċifikat minn qabel i.e., il-bidla mill-linja bażi tal-punteġġ totali ta' YMRS fil-Ġimgħa 3. Fit-tieni studju ta' 3-ġimgħat, risperidone bejn 1 sa 6 mg/kuljum mibdi b'2 mg/kuljum, mogħti flimkien ma' lithium, valproate, jew carbamazepine ma kienx superjuri għal lithium, valproate, jew carbamazepine mogħtija waħedhom fit-tnaqqis tal-punteġġ totali YMRS. Tifsira li jista' jkun hemm għall-falliment ta' dan l-istudju kienet l-induzzjoni tat-tneħħija ta' risperidone u ta' 9-hydroxy-risperidone minn carbamazepine li wassal għal livelli sottoterapewtiċi ta' risperidone u 9-hydroxy-risperidone. Meta l-grupp ta' carbamazepine ġie eskluż f'analiżi *post-hoc*, risperidone mogħti flimkien ma' lithium jew valproate kien superjuri għal lithium jew valproate waħdu fit-tnaqqis tal-punteġġ totali YMRS.

Aggressjoni persistenti fid-dimenzja

L-effikaċja ta' risperidone fil-kura tas-Sintomi tal-Komportament u Psikoloġiċi tad-Dimenzja (BPSD), li jinkludu disturbi fil-komportament, bħal aggressjoni, aġitazzjoni, psikosi, disturbi ta' l-attività u affettivi intwerew fi studji *double-blind* u kkontrollati bi plaċebo, f'1150 pazjent anzjan bid-dimenzja moderata sa qawwiya. Studju wieħed kien jinkludi dożi fissi ta' risperidone ta' 0.5, 1, u 2 mg/kuljum. Żewġ studji b'doża flessibbli inkludew gruppi ta' dożi ta' risperidone fuq medda ta' 0.5 sa 4 mg/kuljum u 0.5 sa 2 mg/kuljum rispettivament. Risperidone wera effett statistikament sinifikanti u klinikament importanti fil-kura ta' aggressjoni u b'anqas konsistenza fil-kura ta' aġitazzjoni u psikosi f'pazjenti anzjani bid-dimenzja (kif imkejje fuq l-iSkala li Tikklassifika il-Patoloġija tal-Komportament fil-Marda ta' Alzheimer [BEHAVE-AD] u l-Inventarju ta' Aġitazzjoni Cohen-Mansfield [CMAI]). L-effett tal-kura ta' risperidone kien indipendenti mill-punteġġ ta' l-Eżami ta' l-Istat Minimu Mentali (MMSE) (u konsegwenza ta' dan il-qawwa tad-dimenzja); mill-kwalitajiet

sedattivi ta' risperidone; mill-preżenza jew nuqqas ta' psikosi; u mit-tip ta' dimenzja, ta' Alzheimer, vaskulari, jew imħallta. (Ara wkoll sezzjoni 4.4)

Disturbi ta' l-imġiba

L-effikaċja ta' risperidone fil-kura għall-żmien qasir ta' komportamenti diżordnati intweriet f'żewġ studji *double-blind* ikkontrollati bi plaċebo f'madwar 240 pazjent minn 5 sa 12-il sena b'dijanżosi DSM-IV ta' disturbi ta' komportament diżordnat (DBD) u funzjoni intellettuali kemm kemm normali jew ritardar mentali/disturb fit-tgħalim ħafif jew moderat. Fiż-żewġ studji, risperidone 0.02 sa 0.06 mg/kg/kuljum kien sinifikament superjuri għall-plaċebo fl-aħħar stadju ewlieni speċifikat minn qabel, i.e., il-bidla mill-linja bażi fis-sottoskala ta' Problema ta' Imġieba tal-Formola ta' Klassifika Nisonger ta' Komportament tat-Tfal (N-CBRF) fis-6 Ġimgħa.

5.2 Tagħrif farmakokinetiku

Il-pilloli RISPERDAL li inħallu fil-ħalq u s-soluzzjoni orali huma bio-ekwivalenti għall-pilloli RISPERDAL miksiġin b'rita.

Risperidone jiġi mmetabolizzat għal 9-hydroxy-risperidone li għandu attività farmakoloġika tixbah lil dik ta' risperidone (ara *Biotrasformazzjoni u Eliminazzjoni*).

Assorbiment

Risperidone jiġi assorbit kompletament wara li jittieħed mill-ħalq u jilħaq l-ogħla konċentrazzjonijiet fil-plażma fi żmien siegħa sa sagħtejn. Il-biodisponibbiltà orali assoluta ta' risperidone hija 70% (CV=25%). Il-biodisponibbiltà orali relattiva minn pillola hija 94% (CV=10%) meta mqabbla mas-soluzzjoni. L-assorbiment mhux affetwat mill-ikel għalhekk risperidone jista' jingħata ma' l-ikel jew mingħajru. L-istat fiss ta' risperidone jintlaħaq fi żmien jum fil-bieċa l-kbira tal-pazjenti. L-istat fiss ta' 9-hydroxy-risperidone jintlaħaq wara 4-5 ijiem ta' dożi mogħtija kuljum.

Distribuzzjoni

Risperidone jiġi distribwit malajr. Il-volum ta' distribuzzjoni huwa ta' 1-2 l/kg. Fil-plażma, risperidone jeħel ma' l-albumin u ma' alpha₁-acid glycoprotein. It-twaħħil ta' risperidone mal-proteini tal-plażma huwa ta' 90%, dak ta' 9-hydroxy-risperidone huwa 77%.

Biotrasformazzjoni u eliminazzjoni

Risperidone huwa immetabolizzat minn CYP 2D6 f'9-hydroxy-risperidone, li għandu attività farmakoloġika tixbah dik ta' risperidone. Risperidone flimkien ma' 9-hydroxy risperidone jiffurmaw il-porzjon antipsikotiku attiv. CYP 2D6 huwa suġġett għall-polimorfiżmu ġenetiku. Metabolizzaturi estensivi ta' CYP 2D6 jibdlu risperidone malajr f'9-hydroxy-risperidone, filwaqt li metabolizzaturi nieqsa jibdluh ħafna aktar bil-mod. Minkejja li metabolizzaturi estensivi jkollhom konċentrazzjonijiet ta' risperidone aktar baxxi u ta' 9-hydroxy-risperidone aktar għoljin minn metabolizzaturi nieqsa, il-farmakokinetika ta' risperidone u ta' 9-hydroxy-risperidone flimkien (i.e., il-porzjon antipsikotiku attiv), wara doża waħda u ħafna dożi, jixtiebhu f'metabolizzaturi ta' CYP 2D6 estensivi u nieqsa.

Mogħdija metabolika oħra ta' risperidone hija N-dealkylation. Studji *in vitro* fil-mikrosomi tal-fwied uman urew li risperidone f'konċentrazzjoni klinika rilevanti ma' jimpedixxi b'mod sostanzjali l-metaboliżmu tal-mediċini mmetabolizzati bl-isozimi taċ-ċitokroma P450, inkluż CYP 1A2, CYP 2A6, CYP 2C8/9/10, CYP 2D6, CYP 2E1, CYP 3A4, u CYP 3A5. Ġimgħa wara l-għoti 70% tad-doża titneħħa fl-awrina u 14% ma' l-ippurgar. Fl-awrina, risperidone flimkien ma' 9-hydroxy-risperidone jirrapreżentaw 35-45% tad-doża. Il-kumplement huwa metaboliti inattivi. Wara li jingħata mill-ħalq lill-pazjenti psikotiċi, risperidone jiġi eliminat b'*half-life* ta' madwar 3 sigħat. Il-*half-life* ta' eliminazzjoni ta' 9-hydroxy-risperidone u tal-porzjon antipsikotiku attiv hija 24 siegħa.

Linearità

Konċentrazzjonijiet ta' risperidone fil-plażma huma fi proporzjon mad-doża fil-medda tad-doża terapewtika.

Anzjani, indeboliment epatiku u renali

Studju ta' doża waħda wera konċentrazzjonijiet li bħala medja kellhom porzjon antipsikotiku attiv 43% ogħla fil-konċentrazzjonijiet tal-plażma u tnaqqis fit-tneħħija tal-porzjon antipsikotiku attiv bi 30% fl-anzjani. Konċentrazzjonijiet ogħla tal-porzjon antipsikotiku attiv fil-plażma u tnaqqis fit-tneħħija tal-porzjon antipsikotiku attiv b' medja ta' 60% kienu osservati f'pazjenti b'insuffiċjenza renali. Konċentrazzjonijiet ta' risperidone fil-plażma kienu normali f'pazjenti b'insuffiċjenza epatika, iżda l-medja tal-porzjon liberu ta' risperidone fil-plażma żdiedet b' madwar 35%.

Tfal

Il-farmakokinetika ta' risperidone, 9-hydroxy-risperidone u tal-porzjon antipsikotiku attiv fit-tfal tixbah lill dik fl-adulti.

Sess, razza u tipjip

Analiżi farmakokinetika ta' popolazzjoni ma wriet l-ebda effett evidenti ta' sess, razza jew tipjip fuq il-farmakokinetika ta' risperidone jew il-porzjon antipsikotiku attiv.

5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà tal-mediċina

Fi studji tossikoloġiċi (sotto) kroniċi, fejn inbdew dożi fi klieb u firien sesswalment immaturi, effetti dipendenti mid-doża kienu preżenti fil-passaġġ ġenitali u l-glandoli mammarji ta' l-irġiel u tan-nisa. Dawn l-effetti kellhom x'jaqsmu ma' livelli ta' prolactin ogħla fis-serum, li kienu ġejjin mill-attività ta' imblukkar tar-riċetturi D₂ tad-dopamine ta' risperidone. Flimkien ma' dan studji fuq kulturi ta' tessuti issuġġerew li t-tkabbir taċ-ċelluli fit-tumuri tas-sider uman jistgħu jkunu stimulati minn prolactin. Risperidone ma kienx teratoġeniku fil-far u fil-fenek. Fi studji ta' riproduzzjoni fil-firien b'risperidone, ġew osservati effetti avversi fuq l-imġiba ta' tgħammir tal-ġenituri, u fuq il-piż tat-twelid u s-sopravivenza tal-frieħ. Fil-firien, esponiment fl-utru għal risperidone kien assoċjat ma' defiċjenzi konoxxittivi meta dawn saru adulti. Meta antagonisti oħrajn tad-dopamine ingħataw lil animali tqal, dawn kellhom effetti negattivi fuq it-tagħlim u l-iżvilupp taċ-ċaqliq fil-frieħ. Risperidone ma kienx ġenotossiku f'serje ta' testijiet. Fi studji dwar il-karċinoġeniċità orali ta' risperidone fil-firien u l-ġrieden, ġew osservati żidiet fl-adenomi tal-glandoli pitwitarji (fil-ġrieden), adenomi endokrinali fil-frixa (fil-firien) u adenomi tal-glandoli mammarji (fiż-żewġ speċi). Dawn it-tumuri jista' jkollhom x'jaqsmu ma' antagoniżmu fit-tul għad-dopamina D₂ u iperprolaktinimja. Ir-rilevanza ta' dawn l-osservazzjonijiet ta' tumuri f'animal gerriema f'termini ta' riskju lill-bniedem mhix magħrufa. In vitro u in vivo, animali mudelli juru li f'dożi għoljin risperidone jista' jikkawża tul ta' l-intervall QT, li huwa assoċjat ma' żieda fir-riskju teoretiku ta' torsades de pointes fil-pazjenti.

6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

6.1 Lista ta' sustanzi mhux attivi

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari.]

6.2 Inkompatibilitajiet

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari.]

6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari.]

6.4 Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari.]

6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari.]

6.6 Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu meta jintrema u għal immaniġġar ieħor


Pilloli li Jinħallu fil-Ħalq (ara sezzjoni 4.2)

Soluzzjoni Orali

Fig. 1: Il-flixxun jiġi b'tapp li ma jinfetax mit-tfal, u għandu jinfetax kif ġej:
–Agħfas it-tapp tal-plastik li fih kamin l-isfel filwaqt li ddawwru lejn il-lemin.
–Neħħi t-tapp miftuħ.

Fig. 2: Daħħal il-pipetta fil-flixxun. Filwaqt li żżomm iċ-ċirku ta' taħt iġbed iċ-ċirku ta' fuq sal-marka li taqbel man-numru ta' millilitri jew milligrammi li għandek bżonn taqti.

Fig.3: Filwaqt li żżomm iċ-ċirku ta' taħt neħħi l-pipetta kollha mill-flixxun. Battal il-pipetta f'xarba mhux alkoħolika, minbarra fit-té, billi żżeraq iċ-ċirku ta' fuq l-isfel. Agħlaq il-flixxun. Laħlaħ il-pipetta bi ftit ilma.



7. ID-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Ara Anness I - Biex timtela mill-pajjiż partikolari.

{Isem u indirizz}

8. NUMRU(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari.]

9. DATA TA L-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TA' L-AWTORIZZAZZJONI

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari.]

10. DATA TA' META ĠIET RIVEDUTA L-KITBA

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

TIKKETTA

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

Kartuna għall-folja PVC-PE-PVDC/Al

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

RISPERDAL u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness I) pilloli ta' 0.25 mg miksijin b'rita
risperidone

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari.]

3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari.]

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Pillola miksija b'rita
[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Użu orali
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

8. DATA TA' META JISKADI

JIS

9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari.]

10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS- SUQ

[Ara Anness I - Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

{Isem u indirizz}

12. NUMRU(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

13. NUMRU TAL-LOTT

Lott

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

15. STRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

Kartuna għall-folja PVC-PE-PVDC/Al

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

RISPERDAL u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness I) pilloli ta' 0.5 mg miksijin b'rita
risperidone

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari.]

3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari.]

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Pillola miksija b'rita
[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Użu orali
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

8. DATA TA' META JISKADI

JIS

9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari.]

10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS- SUQ

[Ara Anness I - Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

{Isem u indirizz}

12. NUMRU(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

13. NUMRU TAL-LOTT

Lott

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

15. STRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

Kartuna għall-folja PVC-PE-PVDC/Al

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

RISPERDAL u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness I) pilloli ta' 1 mg miksijin b'rita
risperidone

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari.]

3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari.]

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Pillola miksija b'rita
[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Użu orali
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

8. DATA TA' META JISKADI

JIS

9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari.]

10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS- SUQ

[Ara Anness I - Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

{Isem u indirizz}

12. NUMRU(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

13. NUMRU TAL-LOTT

Lott

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

15. STRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

Kartuna għall-folja PVC-PE-PVDC/Al

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

RISPERDAL u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness I) pilloli ta' 2 mg miksijin b'rita
risperidone

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari.]

3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari.]

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Pillola miksija b'rita
[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Użu orali
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

8. DATA TA' META JISKADI

JIS

9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari.]

10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS- SUQ

[Ara Anness I - Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

{Isem u indirizz}

12. NUMRU(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

13. NUMRU TAL-LOTT

Lott

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

15. STRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

Kartuna għall-folja PVC-PE-PVDC/Al

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

RISPERDAL u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness I) pilloli ta' 3 mg miksijin b'rita
risperidone

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari.]

3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari.]

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Pillola miksija b'rita
[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Użu orali
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

8. DATA TA' META JISKADI

JIS

9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari.]

10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS- SUQ

